# DAWL FRANĠISKAN

GĦADD 382 • AWWISSU SETTEMBRU 2018 • IT-38 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

» IŻ-ŻWIEĠ BĦAL QASRIJA...
...IRRIDU NIEĦDU ĦSIEBU!

NEWSPAPER POST ISSN 1811-5373

# BORD EDITORJALI

Editur
Fr Philip Cutajar OFMCap

Amministratur
Dorian Holland OFS

Distributur Malta
Alfred Ebejer

Distributur Għawdex
Pierre E. Buttigieg OFS

Membri
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act

Direzzjoni u Amministrazzjoni
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Telefown: 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949

Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com



IISN 1811-5373

Disinn u Stampar: Best Print Co. Ltd
Telefown: 2168 0789



© Dawl Franġiskan 2018
Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini


Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:

Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

# WERREJ


3 Editorjal
Fr Philip Cutajar OFMCap
Ninvestu fiż-żwieġ tagħna

5 Poeżija
Patri Remiġ Galea OFMCap
Merħba liż-żewġ Ħutna

6 Qaddisin mudelli għal ħajjitna
Fr Martin Mamo OFMCap
Santu Wistin il-qaddis li jkellimna llum (It-tieni parti)

8 Qaddisin Mudelli
Philip E. Said
Bejn il-Bibbja u Dun Karm (It-tieni parti)

10 Pastorali tas-saħħa
Patri Mario Attard OFMCap
Ġejt Malta mas-sittin darba

11 Esperjenza missjunarja fil-Kenja
Fr Philip Cutajar OFMCap
Bura u Hola (Ir-raba' parti)

19 Il-Belt Valletta
Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)
Il-Fortizza ta' Sant'Iermu u l-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra

20 Knisja: Ħajja, Ħidma u Aħbarijiet
Fr Silvestru Bonavia OFMCap
"Għinuna aktar nifhmu 'l Kristu biex nistgħu ngħixuh illum"

22 Padre Pio
Fr Joe Buttigieg
Il-Pjagi l-moħbija

24 Ħajja Missjunarja
Fr Hilary Abela OFMCap
Il-Magħżulin

26 Aħbarijiet tal-Provinċja
Br Miguel Zammit OFMCap
Mid-Djarju tal-Kapuċċini Maltin

30 Poeżija
Filippu Chircop
Malta Qalbiena

31 Kompetizzjoni
Fr Wistin Attard OFMCap
Aqta' min Nru 33
Tisliba Nru 167





## Ħsieb tal-faċċata

Kull koppja li tiżżewweġ, dakinhar li jagħtu l-kunsens tal-imħabba tagħhom lejn xulxin fuq l-artal permezz tas-sagrament taż-żwieġ, ikunu wkoll qed iwiegħdu lil xulxin li ser jieħdu ħsieb xulxin bl-akbar serjetà. Dan ifisser li filwaqt li jieħdu ħsieb xulxin ikunu qed jieħdu ħsieb ukoll l-għaqda taż-żwieġ tagħhom bil-għan li din qatt ma tiddgħajjef jew tmut, anzi toktor, tikber u timmatura maż-żmien.



# NINVESTU FIŻ-ŻWIEĠ TAGĦNA

EDITORJAL
FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP

Kull min għandu rasu fuq għonqu u mhux daqstant aljenat li jdaħħal rasu fir-ramel qisu mhu qed jiġri xejn żgur li huwa konxju tal-kriżi li ż-żwieġ u l-familja fis-soċjetà tagħna huma għaddejjin minnha. Nixtieq li nkun aktar ċar fl-asserzjoni tiegħi: m'iniex ngħid li ż-żwiġijiet f'Malta u Għawdex huma fi kriżi, imma li hemm numru konsiderevoli ta' żwiġijiet li huma għaddejjin minn kriżi. Iva, din hija r-realtà.

## U L-KAWŻI GĦAL DAN HUMA DIVERSI

- Fosthom, it-tibdil mgħaġġel li qed isir fis-soċjetà qed jolqot l-aktar kolonna indispensabbli tal-pajjiż. Tibdil mgħaġġel li m'aħniex ippreparati għalih. Tibdil li qed ikompli jgħaġġel, bl-influwenza tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali u anke għax għandna gvern li qed ikompli jrewwaħ u jagħmel aktar faċli dan it-tibdil, li bħala Nsara Kattoliċi ma nistgħux ngħidu li kull tibdil fil-liġijiet li ħerġin mill-Parlament Malti qed isaħħaħ iż-żwieġ u l-familja.
- Kawża oħra hija l-fatt li ħafna mill-koppji ħutna Maltin u Għawdxin qed jitbiegħdu minn Alla u jaqgħu f'attitudni ta' ħajja materjalista, fejn jgħixu daqslikieku Alla ma jeżistix. U meta koppja miżżewġa twarrab lil Alla, iż-żwieġ jidħol f'riskju ta' falliment.
- Ma nistgħux ngħidu li fis-soċjetà li qed ngħixu fiha m'hawnx ukoll kriżi ta' valuri. U meta għandek kriżi fil-valuri, mhux biss Insara/evanġeliċi imma anke dawk umani, bħala konsegwenza jkollok ukoll kriżi fiż-żwieġ, kriżi fil-familja. Għaddejjin minn kriżi fil-valuri tas-sinċerità, tas-sagrifiċċju, tal-onestà, tal-fedeltà lejn il-persuna u lejn il-wegħdiet li nagħmlu, kriżi ta' mħabba vera. U dan kollu qed naraw ir-rifless tiegħu fil-ħajja taż-żwieġ.

## IŻ-ŻWIEĠ HUWA BĦAL QASRIJA…

U bħalma nieħdu ħsieb ta' qasrija bil-għan li tibqa' tgħix, tikber u tħalli l-frott, hekk ukoll irridu nieħdu ħsieb iż-żwieġ tagħna. Il-qasrija, kull pjanta, għandha bżonn ħamrija tajba, ilma regolari u dawl neċessarju. U ż-żwieġ x'għandu bżonn?

- Nagħtu liż-żwieġ prijorità fil-ħajja tagħna bħala koppja miżżewġa. Iż-żwieġ għandu jiġi wara Alla fil-ħajja tagħna. L-ewwel Alla, għax nafu li ż-żwieġ ħalqu Alla, huwa sejħa minn Alla u jeħtieġ li ngħixuh skont il-pjan li l-istess Alla ħalaq sa mill-bidu għal kull żwieġ. Li niskopru l-pjan ta' Alla għaż-żwieġ tagħna huwa s-sigriet tas-suċċess. Jekk il-miżżewġin, minbarra li jwarrbu lil Alla, jittraskuraw

ukoll ir-relazzjonijiet ta' bejniethom għax jippreferu jinvestu aktar ħin u enerġija fix-xogħol, fil-karriera, fil-professjoni, fil-kunjata, saħansitra anke fit-tfal, qed jgħixu ż-żwieġ tagħhom f'tarf ta' rdum.

- Ladarba qed nitkellmu dwar il-prijoritajiet, għedna li fl-ewwel post dejjem għandu jkun hemm Alla, imbagħad warajh iż-żwieġ tiegħi, billi ninvesti fih kull ħin u enerġija, kull sagrifiċċju u impenn. Fost dawn jeħtieġ li naħdmu ħafna sabiex inżommu **komunikazzjoni ħajja** bejnietna. Irridu nagħmlu kull sforz sabiex bħala koppji miżżewġa nżommu bejnietna komunikazzjoni fuq kull livell, verbali u nonverbali, komunikazzjoni sinċiera u trasparenti, komunikazzjoni mibnija fuq djalogu fejn iż-żewġ naħat għandhom id-dmir u d-dritt li jitkellmu, komunikazzjoni bla maskri, komunikazzjoni fejn l-ingredjent prinċipali tagħha huwa l-quality time aktar milli l-quantity time (jekk ikunu t-tnejn flimkien tant aħjar), komunikazzjoni mibnija fuq l-imħabba, il-fiduċja u r-rispett.
- Dimensjoni meħtieġa bil-għan li l-qasrija taż-żwieġ tagħna tibqa' tikber u twarrad mingħajr skossi u problemi kbar hija dik li miż-żwieġ tagħna nibnu **'a healing community'**. Li bħala koppja miżżewġa nkunu kapaċi nkabbru lil xulxin, infejqu lil xulxin u ngħollu s-self-esteem ta' xulxin. Fiż-żwieġ dejjem ser ikun hemm problemi, imma l-akbar problema hi meta ma nkunux nafu kif naffrontaw u nirbħu l-problemi li jinqalgħu anke bejnietna. Kunflitti dejjem ser ikun hemm, u għalhekk irridu nitgħallmu kif naffrontaw u nsolvu dawn il-kunflitti. U dan iseħħ billi ż-żwieġ jiġi trasformat f'koppja/komunità li kapaċi t-tnejn ifejqu lil xulxin. U f'dan il-proċess ta' fejqan it-tabib huwa l-Mulej Ġesù filwaqt li l-mediċina effettiva trid tkun il-maħfra, l-aċċettazzjoni reċiproka u s-sabar (il-paċenzja).



Il-Mulej jagħtikom is-sliem!



# MERĦBA
## LIŻ-ŻEWĠ ĦUTNA
## PATRI ELMAR U PATRI JETHRO



POEŻIJA
PATRI REMIĠ GALEA OFMCAP

Ħajr lil Alla għas-sejħa qaddisa;
l-Aħwa żgħażagħ li wieġbu flimkien
f'mixja sħiħa mal-Fqajjar t'Assisi,
li seħibhom fil-medda taż-żmien.

Tifraħ bihom il-Knisja u l-Ordni
f'din il-mixja ta' mħabba mnebbħin.
Seħħet wegħda u talba tal-kotra;
lejn l-artal joffru qalbhom resqin.

Patri Elmar u Jethro ħabrieka
fis-servizz li jaf joffri l-Mulej.
Fl-oqsma tiegħu kull ħsad qed idieheb;
frott l-imħabba u s-sliem minnu ġej.

Intom tama sabiħa għalina;
hemm għall-kotra, tistenna kull ħniena,
jishar magħkom u ħajr trodd lil Alla
għall-ġid kbir permezz tagħkom uriena.

Taqtgħux qalbkom, 'il fuq erfgħu raskom.
Mal-ispirtu tal-kelma fejjieda
jara fikom xandara ta' mħabbtu
fil-qalb tajba, sinċiera u ferħana.

Wasslu l-kelma qaddisa ta' fommu
f'dinja mħassba għall-għaqda u s-sliem;
dln Is-Saltna ll ddawwal Il-bnledem
li ġabilna bħall-bidu u t-tmiem.

Tkun ħajjitkom bħal jum qed iżernaq
f'dinja mħassba. Għall-għaqda u s-sliem
din is-Saltna li ddawwal il-bniedem,
li ġabilna bħall-bidu u t-tmiem.





# SANTU WISTIN IL-QADDIS LI JKELLIMNA LLUM



## It-Tieni Parti

QADDISIN MUDELLI GĦAL ĦAJJITNA
FR MARTIN MAMO OFMCAP

Santu Wistin twieled fit-13 ta' Novembru 354 f'Tagaste, raħal f'salib it-toroq tal-kummerċ fin-Nofsinhar ta' Ippona, fl-Afrika ta' fuq, fil-Lvant tal-Alġerija. Huwa iben Patrizju, wieħed mit-tliet kunsillieri tar-raħal, li kkonverta fis-sena ta' mewtu, fis-sena 371, u iben Santa Monika, Nisranija ferventi li żergħet fil-qalb ta' Wistin iż-żerriegħa tal-fidi Nisranija, li sfortunatament huwa tbiegħed minnha meta ma sabx it-tweġibiet li ried u kien miġbud lejn tweġibiet oħra. Ta' 10 snin intbagħat fl-iskola elementari f'Tagaste, u ta' ħdax-il sena beda jitħarreġ fil-grammatika u fil-letteratura u jaqra ħrejjef mitoloġiċi, fejn hu jikkummenta u jgħid: 'Bdiet fija tempesta qalila li tawlet is-snin.' Ta' 15-il sena kellu jieqaf kemm kemm mill-istudju minħabba n-nuqqas ta' finanzi ta' missieru, għalkemm għamel dejjem tajjeb għalih ċertu Romanjanu, ħabib tal-familja tiegħu, li dejjem kien pont għal Wistin. Ta' 15-il sena telaq lejn Kartaġni, fejn hu jikkummenta u jgħid: "Ġejt miġbud minn imħabbiet ħżiena. Ġejt qisni mitfugħ f'taġen f'żejt jagħli u jfaqqa' madwari." Santu Wistin f'ħajtu kien affrontat minn diversi ċirkustanzi, minn diversi persuni u minn ħafna letteratura li kien jaqra, fosthom il-ktieb ta' Ortenzju, ta' Marku Tullju Ċiċerun, l-aqwa awtur Ruman li ħeġġu biex iħaddem moħħu u r-raġuni. Kien influwenzat ukoll mill-għaxar kategoriji ta' Aristotile, li daħħluh f'taqbida bejn il-fidi u r-raġuni. U għażel ir-raġuni, u allura waqa' fir-razzjonaliżmu. Ma kienx jaf li l-fidi u r-raġuni huma żewġ ġwienaħ tal-istess ajkla, kif jikkummenta Ġwanni Pawlu II. Issieħeb ma' setta partikolari msejħa 'l-Manikej', imwaqqfa minn wieħed Persjan jismu Manes, bejn is-snin 216 u 275 w.K. Din is-setta kienet tħaddan żewġ entitajiet kontradittorji: il-prinċipju tat-tajjeb u l-prinċipju tal-ħażin. Iżda lanqas hawn Wistin ma sab il-verità; telaq minn Kartaġni u mar Ruma, fejn hu jikkummenta u jgħid:



"Ġejt milqut minn marda gravi, imma lanqas f'din il-marda gravi ma ħassejt l-iċken xewqa biex nitgħammed. Kellu jkun it-talb ta' ommi Monika u l-ħniena infinita ta' Alla li fejquni u tajt ruħi għat-tagħlim."

Santu Wistin f'ħajtu kien influwenzat minn xi persuni partikolari li kienu pijunieri fil-konverżjoni tiegħu. U llum se nsemmi meta mar fil-qorti imperjali ta' Milan u hemmhekk ġie wiċċ imb wiċċ ma' Sant'Ambroġ, mexxej prominenti b'messaġġi ta' sengħa, b'diskors nobbli li infiltra l-qalb ta' Santu Wistin. Personaġġ ieħor importanti huwa l-qassis Simpliċjanu, li Ambroġ kien iqisu bħala missieru u li darba minnhom Wistin mar għandu jitħaddet miegħu fuq kemm kien iħobb jaqra kotba ta' filosfi Platoniċi, maqlubin għal-Latin minn wieħed oratur Ruman jismu Vittorino. Kien hawn li Simpliċjanu ġibidlu l-attenzjoni u qallu li Vittorino wkoll kien pagan li kkonverta, u hekk għandu jikkonverti hu. Personaġġ ieħor importanti huwa Ponticjanu, ufficjal għoli fis-servizz ċivili li darba mar għand Wistin u qagħad jirrakkontalu l-ħajja ta' San Anton Abbati, u qallu li hekk kif kien jagħmel ma' sħabu u jikkonvertu, hekk għandhom jikkonvertu huma. U kif ġralu Bartilmew, bin Timew, fl-

Evanġelju, li meta sema' leħen il-Mulej qam, tajjar il-mantell u mar f'riġlejn Ġesù, dak il-ħin jikkummenta hekk Wistin:

"Jien qomt minn fejn sieħbi Alippju, mort waħdi fil-ġnien taħt siġra tat-tin u bkejt biki kbir; bid-dmugħ beda jgelgel minn għajnejna bħal xmara, ħarist 'il fuq u għedtlu: 'Mulej, kemm se ddum ma tismagħni? Għal dejjem se tibqa' nkurlat! La tiftakarx fil-ħtijiet tal-imgħoddi. Ħassejt li ħtijieti jżommuni fil-miżerja tiegħi."

Għax fil-bidu Wistin kien jaħseb li l-hena u l-ferħ jinsabu f'li jikseb u jaħkem l-għerf, iżda induna Wistin li l-hena u l-ferħ jinsabu filli jitbaxxa u jiltewa quddiem il-kobor tal-ħniena ta' Alla, li l-Manikej pruvaw jaħbulu lil Wistin. Huwa hawnhekk li nħataf minn Alla u terraq wara l-Knisja Kattolika u tgħammed minn Sant'Ambroġ nhar Sibt il-Għid tal-24 ta' April tas-sena 387. U issa beda kapitlu ġdid fil-ħajja ta' Wistin: il-konverżjoni tiegħu, li skont il-Papa Benedittu XVI din il-konverżjoni ħadet tliet stadji fl-iżvolta tagħha: l-ewwel il-konverżjoni tal-ġnien f'Milan, it-tieni l-konverżjoni fil-komunità fil-monasteru għax il-komunità hija mezz importanti għalina fil-konverżjoni tagħna, u t-tielet u l-aqwa stadju meta kien saċerdot u isqof u poġġa bħala mira tiegħu d-diskors ta' Kristu magħruf bħala d-diskors tal-muntanja, li huwa l-milja tal-għaxar kmandamenti li wkoll ingħataw lilna minn fuq muntanja. Id-diskors tal-muntanja sar sfida għal Wistin, għax huwa f'kuntrast u f'kunflitt mal-mentalità u l-valuri tal-bniedem. Id-diskors tal-muntanja sar tant għal qalb Wistin daqskemm kien sar tant għal qalb l-evanġelista Mattew li kitibhom, li ħa tliet kapitli għalihom, minn kapitlu 5 sa kapitlu 7. Id-diskors tal-muntanja sar sfida għal Wistin, għax huwa l-awtobijografija ta' Kristu. Fih valur Kristoloġiku, u allura Wistin irraġuna li jekk hu jikseb dak il-valur Kristoloġiku huwa jassimila fih valur antropoloġiku li jwasslu biex jikseb valur soterjoloġiku: it-tiġdid fl-ispirtu. U dak li ried Wistin. Id-diskors tal-muntanja, li jiftaħ bit-tmien beatitudnijiet, bil-kelma rikorrenti "henjin", "imberkin", "*makorios*" bil-Grieg. Id-diskors tal-muntanja huwa importanti għal min irid jieħu lil Kristu bis-serjetà, għax id-diskors iwasslek biex tikseb l-għerf ta' Alla.

Dak li ried Wistin. Wistin ma riedx jibqa' mkaħħal mad-dnub tiegħu, imma ried jikseb l-għerf ta' Alla, u fuq parir ta' Sant'Ambroġ, l-għerf ta' Alla takkwistah billi tiddjaloga ma' Alla, toħloq relazzjoni ma' Alla, u hekk beda jagħmel Wistin. Wistin jieqaf u jdur lejn Alla u jsaqsi: "Mulej, min int int, Mulej, u min jiena jien għalik?" Int l-*Internum Aeternum*. Int l-aktar qrib u l-aktar 'il bogħod, l-aktar ġewwieni u l-aktar 'il fuq minni. Wistin beda jikseb dan l-għerf ta' Alla billi beda jfaħħar lil Alla u jgħidlu: "Kbir int, Mulej, ta' min ifaħħrek; int ta' qawwa kbira, bla tarf id-dehen tiegħek; jixtieq ifaħħrek ukoll il-bniedem, nitfa mill-ħolqien. Iġorr madwaru ħajtu li tmut, xhieda ta' dnubu. Inti tqanqlu biex jitgħaxxaq ifaħħrek. Int ħlaqtna għalik u qalbna ma ssibx kwiet jekk ma tistrieħx fik."

Wistin beda jikseb dan l-għerf ta' Alla billi beda jgħid: "X'mhuwiex Alla? Alla mhuwiex ambizzjoni, Alla mhuwiex suppervja, Alla mhuwiex sess, Alla mhuwiex gideb." Wistin terraq mit-tradizzjoni filosofika u beda jqaċċat il-ktajjen tal-ambizzjoni, il-ktajjen tas-suppervja, il-ktajjen tas-sess, il-ktajjen tal-gideb. F'kelma waħda beda jinża' minnu nnifsu u beda jimtela bl-għasel, bl-inbid u bid-deheb ta' Alla. Wistin qatt ma naqas ifittex, qatt ma naqqas il-pass, qatt ma ngħalaq fih innifsu, anzi ħareġ minnu nnifsu, iddjaloga ma' Alla u sab il-verità. Sew jgħid Salm 49: "Min jikseb il-verità jikseb is-salvazzjoni." Kif qal Kristu: "Min jagħraf il-verità jagħraf lili, u min jagħraf lili jikseb il-ħajja ta' dejjem." "Imma l-verità x'inhi?" qallu Pilatu. U Kristu jibqa' sieket.

Hawn jidħol Santu Wistin. Santu Wistin f'kitbietu jlaħħam dak is-skiet ta' Kristu, billi jdur lejn Kristu u jgħidlu: "O verità ta' dejjem, imħabba vera, eternità għażiża, int Alla tiegħi, lilek nitniehed lejl u nhar. Meta kont dgħajjef int erfajtni lejk biex nara li hemm xi ħaġa li kelli nara għad li kont għadni ma nistax nara. Int għammixtli għajnejja dgħajfa u jien tregħedt bl-imħabba u l-biża', o verità ta' qalbi. Tħallix id-dlamijiet tiegħi jkellmuni. Jien ixxerridt fuq dak li hu tad-dinja u sibt id-dlam, u fid-dlam ukoll ħabbejtek ħafna. Jien ħriġt mit-triq imma ftakart fik. Wara li smajt leħnek isejjaħli biex nerġa' lura bilkemm stajt nisimgħu minħabba l-għajjat tan-nies li mhumiex fis-sliem tiegħek. Imma issa ninsab hawn ħerqan biex nixrob mill-għajn tiegħek."





QADDISIN MUDELLI
PHILIP E. SAID

SAN ĠUŻEPP PROTAGONIST FL-ISTORJA:

# BEJN IL-BIBBJA U DUN KARM

(It-Tieni Parti)

Element ieħor li jurina 'l San Ġużepp f'relazzjoni mal-istorja hu l-fatt li l-istorja hi magħmula wkoll minn proċessi ta' kontradizzjonijiet jew tensjoni. Donnu li kull meta jkun hemm bidla jew żvilupp fl-istorja tal-bniedem, dan iseħħ b'riżultat ta' kontradizzjoni. Ifakkarni fil-prinċipju tad-djalettika, fejn is-sintesi jew ir-riżoluzzjoni ta' sitwazzjoni diffiċli ssir wara kunflitt bejn ir-realtà u l-oppost tagħha. Il-kontradizzjonijiet narawhom kullimkien: bejn familja u xogħol, drittijiet u dmirijiet, libertà tal-espressjoni u dmir ta' rispett tad-drittijiet ta' ħaddieħor, individwaliżmu u l-ġid komuni, it-tkabbir ekonomiku u l-fatturi soċjali, ir-riġidità tal-liġi u l-ħniena, bejn liġi u ġustizzja, u tant eżempji oħra. Proprju għax kien protagonist tal-istorja, San Ġużepp għadda wkoll minn esperjenzi ta' tensjoni jew kontradizzjoni. Hekk turina l-Bibbja u hekk jurina Dun Karm.

Waqt li Ġużeppi kien min-nisel ta' David, jiġifieri kellu personalità reali, baqa' dejjem moħbi minn għajnejn in-nies. Waqt li jirrispetta n-nisel tiegħu billi *"tela' l-Lhudija, fil-belt ta' David jisimha Betlem – għax hu kien mid-dar u l-familja ta' David"* (Lq. 2, 2), ma ħarabx iċ-ċirkustanzi ta' faqar fit-twelid ta' Ġesù, u baqa' ma' Marija *"bit-tarbija mimduda f'maxtura"* (Lq. 2, 16). U Dun Karm, fl-innu lil San Ġużepp li semmejna, ifakkar lil Ġużeppi u lilna, kif

*Meta bogħ'd minn art twelidek*
*F'għar tal-bhejjem dħalt tistrieħ,*
*U f'idejk ħadt lil Min ħalqek,*
*Tfajjel sbejjaħ fost is-sbieħ.*

Dan l-atteġġament ta' skiet u ġabra 'l bogħod mill-għagħa ta' barra jkompli jurihulna f'versi bħal:

*U miġbur fi dwejra mwarrba*
*Mill-għajnejn tal-imkabbrin,*
*Mal-għarusa, xbejba rżina,*
*Ħabib m'Alla u mal-bnedmin.*

Esperjenza oħra ta' kontradizzjoni li turi r-rabta ta' Ġużeppi mal-istorja hi t-taqbida psikoloġika tiegħu fir-relazzjoni ma' Marija, martu; tensjoni bejn ferħ u niket, tama u mewt, fiduċja u dubju, fedeltà u abbandun,

sentimenti ta' kontradizzjoni li jmorru kontra l-għażla fundamentali li kien għamel għal ħajtu. Kuntradizzjonijiet li ġabu għal Ġużeppi kriżi ta' fidi. Dawn is-sentimenti mqallba huma espressi f'dan il-vers bibliku: *"Żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust, ma riedx ixandarha quddiem kulħadd; u għalhekk għamel il-ħsieb li jibgħatha bil-moħbi tan-nies."* (Mt. 1, 19). Naraw, issa, kif Dun Karm jikkonferma dan fil-poeżija:

*Biża' u ferħ fil-qalb tat-twajjeb*
*Qajmet f'daqqa dik l-aħbar:*
*Jibqa' jgħammar mal-omm t'Alla,*
*Huwa, żgħir fost l-akbar żgħar?*
*Jaħrab minnha u lilha jħalli*
*Mingħajr wens u mingħajr star?*



Ġużeppi kien jaf xi tgħid il-liġi ta' Mosè f'każijiet ta' adulterju. Iżda l-fedeltà tiegħu għal-liġi reġgħet daħħlet 'il Ġużeppi f'paradoss ieħor, fi kriżi ġdida. Jekk jikser din il-liġi jista' jiġi mixli b'kompliċità; jekk jobdi l-liġi jkun jonqos mill-ħniena. U hawn id-dilemma bejn liġi u ħniena, bejn ġustizzja u mħabba, li faċli aħna wkoll naffaċċjaw fl-istorja personali tagħna. U Ġużeppi jsib soluzzjoni għal din il-kuntradizzjoni fl-imħabba u l-ħniena, ukoll jekk *"kien għadu qiegħed jaħsibha"* (Mt. 1, 20). L-imħabba tirbaħ fuq il-liġi, u għalhekk għażel it-triq li l-inqas tista' ġġiblu inkwiet. L-imħabba ta' Ġużeppi għal Marija tmexxih biex imur lil hinn mill-pjan li kien fassal għalih, u waqt li pproteġa 'l Marija, salva l-ubbidjenza tiegħu għal-liġi. Ġużeppi jżomm lil Marija b'martu *"għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu"* (Mt. 1, 20). Hekk ukoll jikteb Dun Karm:

*Tibża' xejn iżżommha b'martek*
*Lil dil-warda tax-xebbiet,*
*Għax għemil ta' Ruħ il-Qodos*
*Huwa l-frott li bih imtliet.*

L-attitudni u l-azzjoni ta' Ġużeppi quddiem l-ittra tal-liġi – kif espressi fil-Vanġelu u fil-letteratura – donnhom isibu eku fi kliem il-Papa Franġisku meta jikteb li *"l-ħniena hi element importanti, nistgħu ngħidu indispensabbli, għar-relazzjonijiet umani. Bil-ħniena tista' tinbena relazzjoni ta' aħwa u ħbieb. Il-ġustizzja waħedha mhix biżżejjed. Fil-ħniena u l-maħfra Alla jmur lil hinn mill-ġustizzja. Il-ħniena tħaddan fiha l-ġustizzja waqt li tgħolli l-istess ġustizzja għal grad ogħla ta' kwalità għax tlibbisha bl-imħabba. Il-ħniena hi l-għerq ta' ġustizzja awtentika."* (*L-Isem ta' Alla hu Ħniena*, pp. 73-74). F'dan is-sens, f'Ġużeppi, il-loġika tal-ħniena u l-imħabba taqleb il-loġika tal-liġi. L-imħabba ta' Ġużeppi narawha wkoll fid-dedikazzjoni tiegħu għall-familja ta' Nazaret bħala ħaddiem u fil-valur li kien jagħti lix-xogħol.



# ĠEJT MALTA MAS-SITTIN DARBA!



PASTORALI TAS-SAĦĦA
PATRI MARIO ATTARD OFMCAP

Kont qed indur il-pazjenti f'waħda mis-swali tal-isptar, meta f'daqqa waħda l-infermiera ġibditni lejha u qaltli: "Patri! Dik il-pazjenta turista."

Din il-frażi laqtitni ħafna. Mill-ewwel fakkritni fl-istat li, int u jien, nemmnu jew ma nemmnux, ninsabu ngħixu fih f'din id-dinja, li tgħaddi malajr. L-Ittra lil-Lhud tgħidilna li aħna "barranin u għorba fuq l-art" (Lhud 11, 13). Barra minn hekk din l-ittra tagħtina wkoll din it-twissija: "Ħa tibqa' magħkom l-imħabba tal-aħwa. Tinsewx tilqgħu lill-barranin; minħabba f'hekk xi wħud laqgħu l-anġli bla ma kienu jafu" (Lhud 13, 1-2). Allura, misjuq mill-imħabba tal-aħwa u anki l-għaliex il-Kelma ta' Alla qed tgħidli li għandi nilqa' lill-barrani, ersaqt lejn din il-persuna.

Introduċejt ruħi u qbadna nitħaddtu. Ħin minnhom din il-mara mdaħħla fiż-żmien qaltli: "Patri, jiena vjaġġajt ħafna. Żort Ruma u ħafna pajjiżi oħra. Biss, nagħżel li niġi Malta. Dan l-għaliex Malta għad hawn xi ħaġa speċjali fiha. F'Malta nħossni mħarsa. Għalhekk ġejt



mas-sittin darba f'din il-gżira." Kien sewwasew f'dan il-mument meta, fuq l-iskrin ta' moħħi, il-Mulej tellagħli xi ħaġa qawwija ħafna. U tant kemm kienet qawwija li ma stajtx, le, inżommha għalija, midfuna. Għall-biża' u l-mistħija kbira li ma mmurx nibda naħseb li sirt xi qaddis... li lbist it-takkuna... li nitla' fuq il-podju... biex imbagħad, bħalma dejjem jiġri, nieħu xi sabta nobis 'l isfel! Għedtilha: "F'dan il pajjiż, minkejja l-kaos morali li għandna, in-nies baqgħet titlob."

Din il-frażi laqtitha ħafna. U allura ftaħna kapitlu ġdid fid-diskursata tagħna, u bdejna nitħaddtu fuq it-talb u l-importanza tiegħu. Issa din il-mara tant kemm dehret entużjasta għat-talb li kelli noħroġ il-barżakka żgħira tax-xibka tiegħi, li bħas-soltu npoġġi fin-naħa tal-lemin tal-but taċ-ċoqqa, u nagħtiha 'l-ħelwa tal-Mulej'! Il-magħruf skroll taċ-ċoff imlewwen! Imma donnu l-Ispirtu s-Santu ried jagħtiha ħafna aktar lil din il-mara. Waqt id-diskussjoni taha wkoll it-talba li issa drawha ħafna nies: "Spirtu s-Santu, iċċarġjani!" Imbagħad, bħal biex jagħlaq il-festin tal-grazzja, il-Mulej taha wkoll il-Kurunella tal-Ħniena Divina.

Kos, hux, dan Ġesù! Kif jaħdem! Ibellah lili stess, li nitpaxxa narah jaħdem, għax jidħol f'qalb in-nies! L-għaliex, u din ngħiduha kif inhi mingħajr ebda tqaħqiħa żgħira jew kbira, Ġesù jħobb lill-poplu tiegħu. Ġesù jrid isalva lill-poplu tiegħu. U biex isalvah jinqeda b'liema ħmar ikun. Basta jsalvah! Kif nista' nagħtih tort lil Ġesù li jagħmel hekk jekk, għalik u għalija, xerred demmu kollu?

Minn din il-laqgħa rajt kemm il-Mulej mexa bi ħniena kbira ma' din il-mara. Il-qdusija tal-Mulej xegħlet f'din il-laqgħa meta l-Mulej innifsu, fil-qalb ta' din il-mara, daħħal talba mill-isbaħ: "Mulej, qaddes lil pajjiżi." Aħna tant niftaħru li pajjiżna mexa 'l quddiem! U f'xi aspetti għandna biex! Imma l-veru progress ta' pajjiżna hu meta l-Maltin, l-Għawdxin u n-nies li għandna jgħixu

magħna jħallu lill-Mulej jagħmilhom qaddisin! B'hekk ikollhom l-istess ħajja tal-Mulej fihom!

Issa x'inhi l-garanzija ta' din il-qdusija? It-talb. Bħalissa tiġini f'moħħi s-sentenza qawwija ta' Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ: "Ishru u itolbu



biex ma tidħlux fit-tiġrib" (Mt. 26, 41). It-talb jgħinna ngħixu s-sitwazzjonijiet diffiċli tagħna bl-ottika tal-Mulej. Mhux ta' b'xejn li l-Kelma ta' Alla tħeġġiġna fuq li tħeġġiġna biex nitolbu. Tgħidilna l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann: "Din hi l-fiduċja sħiħa li għandna fih, li jekk nitolbu xi ħaġa skont ir-rieda tiegħu, hu jismagħna. U ladarba nafu li hu jismagħna f'dak li nitolbu, mela nafu wkoll li kulma tlabnieh jinsab diġà għandna" (1 Ġw. 5, 14-15). Interessanti ngħidu wkoll li l-Ittra lill-Efesin, fl-istess kuntest li fih titħaddet fuq il ġlieda tagħna kontra l ħażen, tgħid hekk fuq it-talb: "Itolbu dejjem fl-Ispirtu, b'kull xorta ta' talb u f'kull ħtieġa; ishru fih bla ma tieqfu, u itolbu għall-ħtiġijiet tal-qaddisin kollha" (Ef. 6, 18-19). L-għaliex biex il-ħażen u l-ħażin nirbħulhom, ma' Ġesù Kristu, b'Ġesù Kristu u f'Ġesù Kristu, irridu, iva, nitolbu bla waqfien!

Anki l-qaddisin iħeġġuna fuq li jħeġġuna biex nitolbu ħalli b'hekk nibqgħu sħaħ fit-talb. San Piju ta' Pietrelcina jgħid: "It-talb huwa ċ-ċavetta li tiftaħ il-qalb ta' Alla". Fid-*Djarju* tagħha Santa Fawstina tagħtina din ir-riflessjoni mill-isbaħ dwar it-talb: "Ruħ tarma lilha nnifisha permezz




tat-talb għal taqbid ta' kull xorta. Ikun xi jkun l-istat li r-ruħ tkun tinsab fih, hija għandha titlob. Ruħ li hi safja u sabiħa għandha titlob, inkella titlef is sbuħija tagħha; ruħ li qiegħda tistinka għas-safa trid titlob, għax inkella qatt ma tiksbu; ruħ li ghadha kemm ikkonvertiet trid titlob, inkella terġa' taqa'; ruħ midinba, mgħaddsa fid-dnubiet, trid titlob sabiex terġa' tqum. M'hemm l-ebda ruħ li m'għandhiex id-dmir li titlob, għax kull grazzja tasal għand ir-ruħ permezz tat-talb" (*Djarju*, 146).

*Mulej, issokta żid fuq pajjiżna d-doża tat-talb! Imqar għal sittin darba aktar! Ammen.*

SAFARI NJEMA
(IL-VJAĠĠ IT-TAJJEB)

# BURA U **HOLA**

## Ir-4 Parti






ESPERJENZA MISSJUNARJA FIL-KENJA

FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP

Fil-ħarġa tad-*Dawl Franġiskan* ta' April 2018 ktibt fl-editorjal dwar iż-żjara tiegħi fil-Kenja billi tajt ħarsa ħafifa u ġenerali lejn id-diversi żjarat li għamilt f'dan il-pajjiż (17 ta' Frar – 16 ta' Marzu 2018) u anke wassaltilkom artiklu bl-informazzjoni dettaljata dwar il-kapitlu ordinarju elettiv li l-Aħwa Kapuċċini Kenjani żammew bejn id-19 u l-24 ta' Frar, u li għalih jiena kont preżenti f'isem il-provinċja tal-Kapuċċini f'Malta. Fil-ħarġa ta' Mejju qsamt magħkom ftit ħsibijiet dwar iż-żjara f'Garissa bħala ċentru tad-djoċesi fejn hemm bħala isqof Ħuna Mons. Joseph Alessandro OFMCap. Fil-ħarġa ta' wara, jiġifieri dik ta' Ġunju-Lulju, komplejt nikteb dwar il-ġranet li għaddejt fil-parroċċa ta' Wajir, 'il fuq minn 300 kilometru 'l bogħod minn Garissa. Issa f'din ir-raba' parti ta' din is-sensiela ta' artikli li qed nikteb, sejjer naqsam magħkom, għeżież qarrejja tad-*Dawl Franġiskan*, ftit riflessjonijiet dwar iż-żjara li għamilt f'Bura u wkoll dwar il-ġranet li għaddejt fil-parroċċa ta' Hola.

### LEJN BURA

Nhar it-Tnejn 5 ta' Marzu qbadna t-triq lejn Bura, 100 kilometru 'l bogħod minn Garissa, bil-għan li nibqgħu sejrin lejn id-destinazzjoni prinċipali tagħna, li kienet Hola. Tlaqna kmieni filgħodu bil-għan li niffrankaw is-sħana tax-xemx, u anke bil-ħsieb li għal nofsinhar nippruvaw inkunu Hola. Qaddisna fis-6.00 ta' filgħodu, ħadna ftit kafè bil-ħobż u l-butir, irkibna l-vann tal-missjoni u tlaqna. Xħin tlaqna kienu diġà s-7.00 ta' filgħodu. Fr Joseph Mutuse fuq quddiem bħala s-sewwieq u jiena maġenbu, filwaqt li Mons. Joe Alessandro fuq wara. Magħna wkoll kellna soru minn tal-kongregazzjoni ta' St Joseph of Tarbes, li ġiet magħna sabiex tibqa' sejra lejn Malindi għal seminar pastorali. Mal-bagalji li għabbejna ħadna ħsieb ukoll ngħabbu mat-tużżana fliexken tal-plastik mimlija bl-ilma, bil-għan li nagħtuhom lin-nies bil-għatx li niltaqgħu magħhom fit-triq. Ġeneralment dawn kienu jkunu ragħajja li jkunu għaddejjin mid-deżert bil-merħliet tagħhom ta' iġmla, nagħaġ jew baqar. Kienu jagħmlulna sinjal billi f'idejhom kien ikollhom flixkun tal-plastik tal-ilma vojt. Dak is-sinjal kien ifisser li għandhom l-għatx. Aħna konna nkunu pronti nagħtuhom flixkun jew tnejn mimlijin bl-ilma milli kellna diġà ppreparati.



### ĦADNA PUNCTURE

Fit-toroq ta' Garissa kollox jista' jinqala'. Toroq qalb l-għoljiet, fid-deżert kollu ramel, il-biċċa l-kbira tagħhom mingħajr asfalt, tlugħ u nżul fuq l-għoljiet u fil-widien. Trid tkun sewwieq mhux tajjeb biss imma wkoll espert biex issuq fuq ir-ramel, li fuqu faċli tiżloq, tiskiddja jew tinqaleb. Kellna tassew sewwieq tajjeb fil-persuna tas-saċerdot Kapuċċin Kenjan Fr Joseph Mutuse.

Aħna u deħlin Bura, proprju fl-aħħar minuti qabel ma wasalna, ħadna puncture. Għal inċidenti bħal dawn trid taħsiblu. Fil-fatt kellna żewġ tyres bħala riserva għal li jista' jinqala'. Konna pronti dħalna għax-xogħol sabiex nibdlu t-tyre. Għalkemm Fr Joseph ħa t-tmexxija tax-



xogħol f'idejh, kulħadd medd idu u għamel xi ħaġa. L-Isqof Joe Alessandro nxteħet mal-art sabiex jaqla' t-tyre, li kien bil-ħsara. Dak il-ħin jiena għamilt riflessjoni li naħseb li lkoll kemm intom tagħmlu: "Kos, aħna mdorrijin naraw lill-isqfijiet lebsin ilbies pulit, pontifikali u qegħdin bilqiegħda fuq xi tron… u hawn għandna isqof missjunarju jitmiegħek mal-art jirranġa l-puncture… Tkun fil-missjoni trid tkun lest li tidħol għal kull xogħol li jinqala'." Riflessjoni li f'ċirkustanza bħal din tagħmilha żgur. L-uniċi nies li qagħdu passivi ma jagħmlu xejn kienu dawk il-ftit Kenjani li daru magħna biex jaraw x'ġara. Dawn baqgħu jħarsu, donnhom qed jaraw xi ħaġa li qatt ma raw.

It-tyre bil-puncture ġie mibdul u ssuktajna t-triq lejn Bura. Wasalna wara xi kwarta għax ma konniex 'il bogħod.

## BURA

Wasalna fil-parroċċa ta' Bura, fejn il-missjunarji Kapuċċini Maltin ħadmu għal ħafna snin. Din hija parroċċa ddedikata lil San Ġuda Taddew. Illum hemm jieħdu ħsiebha saċerdoti reliġjużi mill-Gwatemala li huma membri tal-komunità reliġjuża "Aħwa Missjunarji ta' Marija". Hija parroċċa ta' madwar 2,000 Kattoliku, fejn il-maġġoranza tal-villaġġ hija Musulmana. Fil-preżent bħala kappillan hemm is-saċerdot Padre Ernesto Conteras Gonzalez. Miegħu hemm ukoll is-saċerdot Padre Julio Veliz Ardon.

Teżisti knisja ċkejkna u qadima li ġiet iddisinjata u mibnija minn Ħuna P. Taddew Schembri, li kien ukoll kappillan hawnhekk. Din il-kappella kienet ġiet inawgurata mill-ewwel kardinal tal-Kenja, l-Eċċ. Tiegħu l-Isqof Mons. Maurice Ottunga, li bħalissa għaddejja l-kawża tal-beatifikazzjoni tiegħu. Dawn l-aħħar snin il-patrijiet li qed jieħdu ħsieb il-parroċċa bnew knisja oħra akbar sabiex tlaħħaq man-numru ta' Kattoliċi li dejjem qed jiżdiedu. Minbarra l-knisja parrokkjali hemm ukoll ċentru pastorali, skola u klinika bi spiżerija minn fejn jitqassmu mediċini b'xejn.

Għaddejna f'din il-parroċċa ta' Bura madwar sagħtejn, fejn l-Isqof Joe Alessandro kellu ċ-ċans li jitkellem mal-kappillan u dawk involuti fil-ħidma pastorali. Jiena kelli l-ħin tiegħi sabiex nagħmel żjara kemm fiċ-ċentru pastorali kif ukoll fl-iskola primarja u anke fil-klinika, u b'hekk stajt nara b'għajnejja l-ġid li qed isir f'dan il-villaġġ. Ma' din il-parroċċa, li darba kienet tagħmel parti minn Hola u llum hija parroċċa awtonoma, hemm 6 out stations li dawn iż-żewġ missjunarji li semmejna jridu jlaħħqu wkoll magħhom. Ammirajt kull ħidma li qed isseħħ u li minnha qegħdin igawdu mhux biss l-Insara Kattoliċi imma wkoll il-Musulmani, għax il-missjunarju jiftaħ il-bibien tal-qalb ġeneruża tiegħu lil kulħadd. Din hija l-akbar xhieda ta' mħabba tassew evanġelika li aħna bħala Nsara nistgħu nagħtu lill-Musulmani. Xhieda li huma jammiraw fina u li anke tnissel fihom rispett kbir għas-saċerdot Kattoliku.






## LEJN HOLA

Wasalna fid-destinazzjoni prinċipali tagħna. Wasalna Hola. Wasalna ftit tard. Fil-fatt sibniehom jistennewna għall-ikla ta' nofsinhar. Kemm huma kif ukoll aħna konna bil-ġuħ. Aħna minbarra li bil-ġuħ konna wkoll għajjenin. Għalkemm għajjenin, morna qsamna ma' Ħutna l-patrijiet ta' Hola dak li ppreparaw, u wara morna ħadna kif stajna doċċa kiesħa u dħalna nistrieħu ftit. Għal waqt l-ikla ta' nofsinhar li ġiet ippreparata, ma kienx nieqes il-mango, mango ta' Hola, li skont Fr Joe Galea huwa l-aqwa mango tad-dinja, anzi jgħid li fit-tentazzjoni għad-dnub ta' Adam u Eva mhux tuffieħ kien hemm, imma mango ta' Hola… daqskemm huwa tajjeb!



Hawnhekk fil-parroċċa ta' Hola għandna lil Ħuna Fr Joe Galea, saċerdot Kapuċċin minn Bormla, li ilu hemm mis-sena 1976, jiġifieri 42 sena. Nistgħu ngħidu li Ħuna Joe għadda s-saċerdozju kollu tiegħu bħala missjunarju. Qaddes fis-sena 1974 u sena wara telaq lejn il-Kenja bħala missjunarju, u għadu hemm sal-lum. Nistgħu ngħidu li Hola hija marbuta ma' Ħuna Fr Joe Galea. Bil-qawwa tal-kariżma missjunarja li jippossiedi huwa ta ħajja ġdida lil dan it-territorju vast immens. Kien kapaċi jorganizza kemm il-komunità parrokkjali ċentrali kif ukoll il ħafna komunitajiet imxerrda bħala mission stations. Fil-bidu Ħuna Joe għadda madwar sentejn waħdu f'dan it-territorju vast. Wara sentejn kienu marru jagħtu l-għajnuna siewja tagħhom is-sorijiet Maltin tal-kongregazzjoni Ulied il-Qalb ta' Ġesù.

## IS-SORIJIET ULIED IL-QALB TA' ĠESÙ

Nistgħu ngħidu li s-sorijiet tal-kongregazzjoni Ulied il-Qalb ta' Ġesù, magħrufa f'Malta wkoll bħala s-Sorijiet ta' Nuzzo minħabba li l-isem tal-fundatriċi tagħhom hija Madre Teresa Nuzzo, ħadmu ħafna magħna fl-artijiet tal-missjoni. Meta l-Kapuċċini marru l-Indja huma wkoll, flimkien mal-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, daħlu l-Indja. U hekk ġara wkoll fil-Kenja. Ladarba l-Kapuċċini issa daħlu fil-Kenja, kemm is sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù kif ukoll il-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù daħlu l-Kenja u bħala missjunarji wettqu ħafna xogħol siewi ta' evanġelizzazzjoni, u t-tnejn li huma għadhom hemm sal-lum b'ħafna vokazzjonijiet mill-pajjiż.

Fil-Kenja l-ewwel soru li marret hemm mill-kongregazzjoni ta' Wlied il-Qalb ta' Ġesù kienet Sr Pauline Farrugia (illum il-Madre Ġenerali tal-kongregazzjoni). Din marret fit-30 ta' Marzu 1980, u f'Diċembru tal-istess sena, jiġifieri 6 snin wara li kienu diġà marru l-Kapuċċini, marru wkoll Sr Carolina (illum il-Madre tal-komunità fi Fleur-de-Lys) u Sr Cherubina.

L-ewwel sorijiet ġewwa Hola kienu Sr Carolina Cassar (1980-1997) u Sr Cherubina Cremona (illum mejta – 1980-1983). Wara marret Sr Sandra Cassar (1983-1995), li fil-preżent għadha l-Kenja ġewwa Limuru u hija l-unika soru Maltija



li baqa' hemmhekk. 'Il quddiem ingħaqdet magħhom Sr Victoria Sant, li llum hija l-Madre Provinċjali tal-kongregazzjoni f'Malta. Hija għaddiet 15-il sena ġewwa Hola, jiġifieri bejn is-snin 1983 u l-1997. Għal xi żmien kien hemm ukoll Sr Susanna Camilleri u anke Sr Emma Camilleri (it-tnejn illum mejtin).

Sr Carolina kienet tieħu ħsieb il-gruppi tan-nisa fi rħula differenti. Kienet tagħmlilhom laqgħat u seminars ta' katekeżi. Kienet tieħu ħsieb il-programm tal-ikel fi rħula differenti. Kienet tgħin fil-proġett tat-tfal sponsorjat minn Malta. Kienet tgħallem il-katekeżi fl-iskejjel primarji u sekondarji tal-istat, filwaqt li Sr Cherubina kienet tieħu ħsieb it-tfal u tħejjihom għas-sagramenti tal-magħmudija, l-ewwel tqarbina u l-griżma tal-isqof. Kienet tagħmel seminars u laqgħat lill-katekisti ta' rħula differenti. Kienet tgħin ukoll fil-proġett tat-tqassim tal-ikel.



Sr Sandra kienet responsabbli mill-proġett tat-tfal sponsorjat minn Malta, u peress li ġiet minflok Sr Cherubina, kienet tagħmel ix-xogħol kollu li qabel kienet tagħmlu hi. Mill-banda l-oħra Sr Victoria kienet responsabbli mit-tliet kliniċi li kien hemm f'Hola. Flimkien man-nurses kienet tgħallem lill-Community Health Workers u anke lill-qwiebel lokali mill-irħula kollha ta' Hola, li ħafna minnhom kienu Musulmani u oħrajn Protestanti. Bħala pastorali kienet tieħu ħsieb iż-żgħażagħ u l-korijiet tal-irħula.

Vokazzjonijiet reliġjużi bħala sorijiet ma' Wlied il-Qalb ta' Ġesù minn Hola sa issa ma hemm ħadd, però hemm tfajla li daħlet soru ma' kongregazzjoni oħra.

Fis-sena 2018 il-Kenja flimkien mat-Tanzanija u l-Uganda saru provinċja tal-Afrika tal-Lvant. Fil-Kenja s-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù għandhom 12-il kunvent, fit-Tanzanija għandhom 2 kunventi u fl-Uganda għandhom kunvent wieħed. Fil-preżent huma għandhom 7 aspiranti, 9 postulanti, 9 novizzi, 24 junior u 68 soru bil-professjoni perpetwa.

Fil-preżent fil-Kenja għandhom kunvent u skola primarja u sekondarja fid-djoċesi ta' Malindi, 4 kunventi u skola primarja u sekondarja fl-arċidjoċesi ta' Nairobi, 2 kunventi fl-arċidjoċesi ta' Mombasa u 2 kunventi fid-djoċesi ta' Machakos u kunvent fid-djoċesi ta' Eldoret.

### DIVERSI KAPUĊĊINI MALTIN F'HOLA

Fl-imgħoddi kienu diversi l-missjunarji Kapuċċini Maltin li għaddew minn din il-parroċċa u taw il-kontribut tagħhom. Fost dawn hemm Ħutna Fr Joe Libreri u Fr Joseph Muscat. Dawn l-aħħar snin kien hemm ukoll Ħuna Fr Spiro Galea. Fr Joe Galea għadu l-kappillan tal-parroċċa filwaqt li llum miegħu hemm l-Aħwa Kapuċċini Kenjani: Fr Emmanuel Camrata bħala gwardjan tal-komunità tal-patrijiet u viċi kappillan, Fr Richard Wanyeki bħala viċi kappillan u ekonomu. Magħhom hemm l-istudent Kapuċċin Geoffrey Njau Wakanyi, li qed jagħmel esperjenza pastorali bħala parti mill-formazzjoni tiegħu.

Minbarra dawn hemm ukoll diversi missjunarji lajċi Maltin u Għawdxin li għaddew xi żmien f'Hola. L-istess bħalma kienet Garissa, illum inqas minħabba fis-sigurtà, li hija nieqsa, Hola kienet u għadha destinazzjoni fejn diversi Maltin u Għawdxin marru u għadhom imorru speċjalment fix-xhur tas-sajf għal xi esperjenza missjunarja. Fost dawn hemm l-istudenti Kapuċċini li fis-sajf bħala parti mill-programm tal-formazzjoni tagħhom imorru fil-Kenja għal esperjenza missjunarja.

### PARROĊĊA LI KIBRET

Din il-parroċċa ta' Hola hija ddedikata lil San Franġisk t'Assisi. Il-komunità Kattolika tlaħħaq kważi 3,000 ruħ. Illum minn din il-parroċċa ħarġu parroċċi oħrajn, li huma dawk ta' Bura, li diġà ktibna dwarha, u anke dik ta' Wenje. Minbarra dawn iż-żewġ parroċċi ġodda hemm 7 mission stations mifruxa madwar it-territorju, f'kull waħda minnhom issib il-kappella mdaqqsa kif ukoll klinika minn fejn il-morda jirċievu attenzjoni medika.

Matul iż-żmien Ħuna Fr Joe Galea, minbarra li kellu kliniċi kważi f'kull villaġġ u fihom kien hemm diversi impjegati bħala health workers, anke Musulmani, kellu 4 kliniċi prinċipali minn fejn kien jagħti l-mediċina b'xejn. Issa din il-kura medika tħalliet f'idejn il-missjunarju saċerdot Spanjol li huwa wkoll tabib, Padre Dr José Luis, li huwa megħjun minn 3 saċerdoti lokali. Dan għaqqad l-erba' kliniċi f'waħda ċentrali.

Ħuna Fr Joe Galea jirrakkonta li huwa ġie mibgħut Hola minn Mons. Leo White meta din kienet għadha tiddependi mid-djoċesi ta' Mombasa. Kien hemm il-periklu li jekk ma jmur l-ebda missjunarju, din tagħlaq. Meta Ħuna Joe mar għall-ewwel darba għall-quddiesa tal-Ħadd, kulma kien ikollu 10 persuni, kollha anzjani. Illum in-nies tant żdiedu li fis-sena 1993 bena knisja parrokkjali ġdida li tesa' madwar 600 persuna.

Kull villaġġ f'Hola għandu l-istorja tiegħu. Wieħed mir-rakkonti li jħobb jaqsam magħna Ħuna Joe huwa meta ż-żewġ villaġġi ta' Bondeni u Handampija kienu kollha kemm huma Metodisti u kkonvertew bħala massa, f'daqqa, għar-reliġjon Kattolika. Kienet deċiżjoni kollettiva meħuda mill-mexxejja flimkien man-nies tal-villaġġi. Wenje nfirdet għaliha bħala parroċċa mmexxija mill-Holy Ghost Fathers.

Meta għamilt żjara fil-compound tal-parroċċa ta' Hola stajt nara b'għajnejja x-xogħol ta' struttura li sar maż-żmien. Għandek id-dar tal-kappillan, bħal kunvent żgħir, li issa fiha hemm joqogħdu erba' patrijiet Kapuċċini. Għandek ukoll guest house għal dawk li jiġu għal ftit żmien. Fil-fatt aħna, Mons. Joe Alessandro, Fr Joseph Mutuse u jiena, qgħadna fiha. Ma' dawn il-binjiet għandek ukoll ċentru pastorali u erbat idjar għall-familji li jaħdmu fid-dar tal-patrijiet u fil-parroċċa, hekk imsejħa 'staff houses'. Għandek workshop attrezzat b'kollox. Ma' dawn, fil-compound tal-parroċċa ssib ukoll iċ-ċimiterju, fejn jindifnu l-Kattoliċi.

## L-ISKOLA GUARDIAN ANGELS

Madwar 70 metru 'l bogħod mid-dar tal-kappillan għandek id-dar tas-sorijiet St Joseph of Tarbes, li jieħdu ħsieb l-iskola primarja Guardian Angels, li kienet tappartieni lill-istess parroċċa u li issa għaddiet taħt ir-responsabbiltà tas-sorijiet bil-għan li jkomplu jiżviluppawha. Din hija skola avvanzata fil-livell ta' tagħlim u anke ta' organizzazzjoni. Fil-fatt fis-sena 2016-17 rebħet it-trofew bħala l-aħjar skola fir-reġjun.

Meta morna nżuru din l-iskola, li tiġbor fiha madwar 600 tifel u tifla, għamlulna laqgħa sabiħa mżewqa biż-żfin u l-kant nazzjonali Kenjan. Kull klassi ppreżentat xi ħaġa maħduma ferm tajjeb. Għalina kienet interessanti l-preżentazzjoni tat-tfal tar-raba' klassi, tfal tal-età ta' 12-il sena, fejn tnejn minnhom għamlu diskors formali f'isem sħabhom. Dan id-diskors, li sar mingħajr karti f'idejhom, kien indirizzat lill-Isqof Mons. Joe Alessandro u lili, peress li kienu jafu li aħna bħala Maltin nibagħtu diversi għajnuniet finanzjarji, speċjalment dawk li bihom ħafna



Maltin u Għawdxin qed jisponsorjaw ħafna minn dawn it-tfal fl-hekk imsejjaħ 'Proġett ta' Hola'. Fit-tmiem tad-diskors tagħhom bl-amment dawn iż-żewġ tfajliet ippreżentaw lista ta' bżonnijiet urġenti għall-iskola tagħhom:

- Bini ta' sala mdaqqsa fejn jiltaqgħu għal-laqgħat tagħhom flimkien (fil-fatt il-laqgħa li għamlu lilna bħala skola saret barra fil-grounds, taħt xemx qalila);
- Bini ta' librerija fejn ikun jista' jkollhom kotba li jistgħu jaqraw u jissellfu;
- Xiri ta' mezz ta' trasport għat-tfal sabiex imorru l-iskola u lura d-dar;
- Li aktar tfal jiġu sponsorjati bi ħlas ta' €120 fis-sena, sabiex b'hekk aktar tfal, speċjalment dawk ġejjin minn familji ferm fqar, ikunu jistgħu jattendu l-iskola.



## L-ISKOLA SAN ĠUŻEPP
## ST JOSEPH PRIMARY SCHOOL

Fil-ġranet li għaddejna f'Hola ma naqsitx żjara fil-villaġġ ta' Għemmaws, fejn hemm il-missjunarju Spanjol Padre José Luis u saċerdoti oħra li qed jgħixu flimkien. Dawn qed imexxu din iz-zona pastorali li fiha minbarra l-knisja u l-klinika hemm ukoll skola. Dawn f'Hola, speċifikament fil-villaġġ ta' Għemmaws, għandhom id-dar ċentrali tagħhom u qed jagħmlu ħafna ġid.

L-Isqof Mons. Joe Alessandro u jiena miegħu morna nagħmlu żjara lil din l-iskola San Ġużepp, li qiegħda fiz-zona ta' Għemmaws, li tagħmel parti mit-territorju ta' Hola. Fil-fatt hija ftit kilometri 'l bogħod. Morna kmieni filgħodu u kif wasalna sibna lil Padre José jistenniena. Laqagħna bi mħabba kbira u għadda biex dawwarna ftit mad-dar. Kien hemm diġà lesti jistennewna t-tfal tal-iskola għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. Kienet tassew quddiesa ferm animata tajjeb bil-kant, żfin u diskorsi. Kollox organizzat mill-istess tfal. Mexxa l-quddiesa l-Isqof Mons. Joe, li għamel ukoll omelija adattata ferm għat-tfal preżenti. Jiena fl-aħħar tal-quddiesa ġejt mistieden mis-surmast tal-iskola sabiex nagħmel kelmtejn dwar Malta, il-Kapuċċini Maltin li ħadmu fil-Kenja u dwar l-Aħwa Kapuċċini Kenjani li bħalissa qegħdin jaħdmu fil-Kenja. Ħadu ħafna interess jisimgħu dwar "Malta bħala gżira ċkejkna imma b'qalb kbira", għall-kwantità ta' missjunarji li joħorġu minnha.





Wara l-quddiesa kellna ċans niltaqgħu b'mod informali mat-tfal, komplejna nduru mal-binja tal-iskola u rajna x'toffri, bid-diversi klassijiet u swali. Din hija wkoll skola ferm avvanzata, kemm f'dak li huwa livell ta' tagħlim kif ukoll fuq



livell ta' organizzazzjoni. Fil-fatt hekk kif dħalna fl-uffiċċju tas-surmast sibna vetrina b'diversi tazzi u trofej li l-iskola ta' kull sena rnexxielha tirbaħ bħala l-aħjar fir-reġjun.

Fl-aħħar morna ltqajna mas-saċerdoti li qed jaħdmu f'din iz-zona, li kienu qed jistennewna sabiex nieħdu ftit te flimkien. Dan kien mument li fih qsamna diversi riflessjonijiet dwar proġetti flimkien. Lill-Isqof Joe Alessandro servietu bħala vista pastorali u għalija kienet esperejnza sabiex inkompli nara b'għajnejja l-iżvilupp li l-missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja qed tagħmel.

## LEJN MALINDI

Wasalna Hola t-Tnejn 5 ta' Marzu u tlaqna minn hemm nhar l-Erbgħa 7 ta' Marzu. Jiġifieri b'kollox għamilna żjara ta' tlett ijiem. Wara komplejna l-vjaġġ tagħna lejn id-djoċesi ta' Malindi. Nitkellem dwar iż-żjara f'din id-djoċesi fil-ħarġa tad-*Dawl Franġiskan* ta' Ottubru.

## GĦELUQ

Nixtieq nirringrazzja lil Alla li wara aktar minn 20 sena tani din l-opportunità li nerġa' nżur il-missjoni kemm ta' Bura kif ukoll ta' Hola. Stajt b'għajnejja stess nara l-iżvilupp li sar matul dawn is-snin. Żvilupp li seħħ kemm fuq livell pastorali u spiritwali fejn tidħol direttament il-ħidma tal-missjunarji tagħna, kif ukoll żvilupp ieħor li seħħ fuq livell soċjali bħala nazzjon. Ħassejt sodisfazzjon kbir nara li issa Ħuna Fr Joe Galea mhuwiex waħdu, imma qed jgħix il-kariżma Kapuċċina tal-fraternità ma' tliet Kapuċċini oħra Kenjani. Il-futur tal-Kenja huwa f'idejhom. Aħna bħala Kapuċċini Maltin ġejna msejħin sabiex inxettlu l-Ordni Franġiskan f'dan il-pajjiż; issa jmiss lilhom li jkomplu jkabbru dak li Alla ħawwel permezz tagħna. Nistgħu ngħidu li dawn it-tliet Kapuċċini li hemm Hola qed jitrawmu ferm tajjeb minn Ħuna Fr Joe Galea, bil-għan li għada pitgħada jkunu huma li jieħdu t-tmun f'idejhom, kif diġà għamlu f'diversi djoċesijiet oħra ġewwa l-Kenja stess.

Issa li s-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù telqu għalkollox minn Hola, Alla pprovda l-preżenza ta' sorijiet oħrajn li qed ikunu ta' għajnuna kbira. Qed nirreferi għas-sorijiet tal-kongregazzjoni St Joseph of Tarbes. Ma' dawn hemm ukoll jaħdmu fl-istess parroċċa ta' Hola l-grupp ta' saċerdoti li jinsabu f'Għemmaws. Matul dawn l-aħħar 20 sena Hola faqqset, billi minnha ħarġu żewġ parroċċi oħra. Kull waħda minn dawn il-parroċċi għandha l-kleru tagħha.

Nirringrazzja lil Ħija u ħabib tiegħi Fr Joe Galea, lill-Kapuċċini Kenjani, lis-sorijiet ta' St Joseph of Tarbes, lil Padre José u lil dawk kollha li laqgħuna f'Hola għal dak kollu li għamlu magħna sabiex din iż-żjara tkun esperjenza missjunarja li tħalli l-ġid. Il-Mulej ikompli jieqaf ma' din il-komunità sabiex ma tiqafx tikber fin-numru, fl-ispirtu Nisrani u anke fil-vokazzjonijiet, kif fil-fatt diġà seħħ bil-vokazzjonijiet ta' Aħwa Kapuċċini li ħarġu minn din il-parroċċa.



# IL-FORTIZZA TA' SANT'IERMU U L-MUŻEW NAZZJONALI TAL-GWERRA



IL-BELT VALLETTA – ĠAWHRA UNIKA
JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)



Fit-tarf tal-Belt Valletta nsibu l-fortizza ta' Sant'Iermu. Din il-fortizza twieldet qabel il-Belt Valletta. Meta waslu l-Kavallieri mill-ewwel raw il-ħtieġa ta' fortizza fil-ponta tal-Għolja Sceberras. Fl-1552 bnew din il-fortizza forma ta' stilla. L-għan ewlieni kien il-ħarsien tad-daħla tal-portijiet tal-Port il-Kbir u ta' Marsamxett. L-aktar importanti kien il-Port il-Kbir, għax il-kwartieri tal-Kavallieri kien fil-fortizza ta' Sant'Anġlu.

Din il-fortizza lagħbet logħba importanti matul l-Assedju l-Kbir (fl-1565). Żammet l-attakki Torok għal 28 jum, tant li fit-23 ta' Ġunju l-fortizza waqgħet f'idejn it-Torok u kapitlu ġdida beda: sensiela ta' attakki fuq Sant'Anġlu u l-Isla. Mar-rebħa tal-Assedju l-Kbir il-Belt bdiet tinbena u l-fortizza ta' Sant'Iermu qamet mill-ġdid biex issir parti mis-swar li jdawru l-Belt Valletta.

## It-tieni prova għall-fortizza ta' Sant'Iermu

Is-swar tal-Belt Valletta qatt ma ġew ippruvati għall-qawwa tagħhom minn xi għadu. Iżda matul it-Tieni Gwerra Dinjija Sant'Iermu ġie attakkat mill-qawwa Taljana u Ġermaniża. Sar attakk qawwi min-naħa tal-qawwa navali Taljana fis-26 ta' Lulju 1941. Sant'Iermu reġa' wera għal darba oħra l-qawwa tal-ħitan tiegħu u l-ħila tas-suldat Malti.


UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

Partijiet kbar ta' din il-fortizza ġew restawrati. Il-kmamar qed jospitaw il-ħwejjeġ storiċi marbutin mal-ġdid, l-assedji, il-gwerer eċċ. Dan hu l-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra.

## Il-Mużew

L-ewwel darba li fetaħ il-Mużew tal-Gwerra kien fl-1975. Dan l-aħħar ingħalaq biex żidulu l-kollezzjoni u nfetaħ fil-kmamar restawrati ewlenin tal-fortizza ta' Sant'Iermu. Il-kollezzjoni tibda fi Żmien il-Bronż u tibqa' sejra sal-Assedju l-Kbir tal-1565. Parti importanti mill-kollezzjoni hi dik ta' żmien l-Ingliżi, speċjalment it-Tieni Gwerra Dinjija. Tal-aħħar gwerra wieħed jista' jara d-dgħajsa E Boat u l-kanun ta' kontra l-ajruplani, kif ukoll l-ajruplan Gloucester Gladiator li ġie mlaqqam *Faith*. Dan kien parti minn tliet ajruplani li kienu għad-difiża ta' Malta. Hawn issib ukoll uniformijiet, armi u affarijiet marbutin mas-sengħa tal-gwerra, speċjalment fejn tidħol l-armata navali Ingliża – ir-Royal Navy. Hawn wieħed jista' jara kollezzjoni ta' ritratti biex wieħed ikun jista' jifhem aktar mill-qrib it-tbatija u l-ġuħ li ra fuq wiċċu l-Malti matul din il-gwerra.

## Inżuru dan il-mużew:

Il-ħinijiet tal-ftuħ huma bejn id-9.00 a.m. u l-4.30 p.m. kuljum.




## LEJN IS-SINODU TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

# "GĦINUNA AKTAR NIFHMU 'L KRISTU BIEX NISTGĦU NGĦIXUH ILLUM"

Iż-żgħażagħ iħaffu u jgħaġġlu u jiġru fejn ikunu biex ifittxu jaslu! Tagħraf il-preżenza tagħhom mill-ħsejjes, kant, ħajja li jittrażmettu! Mhux faċli tlaħħaq magħhom! Bil-ħsieb u l-qalb tista' almenu tipprova; bi mħabba mimlija paċenzja jista' jirnexxilek! Ħafna minnhom jixtiequ tassew jgħixu u jwasslu 'l Kristu u l-Evanġelju tiegħu. Forsi mhux kollha jafuh sewwa jew jafu kif. Imma għada ser ikunu huma l-mexxejja, u wħud minnhom huma ġa mexxejja ta' sħabhom u oħrajn ġa qed jimmanipulaw l-ambjent li fih qed ngħixu aħna u huma: jiġifieri aħna lkoll.

Imma biex nersqu aktar lejn xulxin irridu nevitaw mill-ewwel li nitkellmu fuq aħna u huma. Kristu huwa wieħed, il-Knisja hija waħda, għalkemm huwa veru li hemm affarijiet partikolari fuq kull naħa li wieħed irid iżomm quddiem għajnejh. Imma kif esperimentaw bosta żgħażagħ fil-laqgħa ta' qabel is-sinodu mal-Papa, li saret fl-aħħar jiem ta' Marzu li għadda, nistgħu nitgħallmu minn xulxin u hekk ikun Kristu li jirbaħ: id-djalogu sinċier u l-għaqda bejnietna ġa jkunu qed iwittu t-triq biex, illum ukoll, ilkoll nagħrfu u nħaddnu l-valuri tassew li huma tant meħtieġa.

F'Ottubru li ġej il-Knisja ser tiffaċċja bil-qawwa u s-sinċerità kollha, fid-dawl ta' Kristu, din ir-realtà. Kien ħsieb profetiku tal-Papa Franġisku li, wara li sema' l-pariri tal-konferenzi tal-isqfijiet, ippropona dan is-suġġett għall-ħmistax-il laqgħa tas-sinodu tal-isqfijiet. U b'għaqal kbir is-Segretarjat Permanenti fil-Vatikan u l-ħidmiet organizzati mill-konferenzi tal-isqfijiet komplew iwittu t-triq lejn is-sinodu li ser isir matul ix-xahar ta' Ottubru li ġej.

### Djalogu sinċier

Il-Papa Franġisku, meta kellem lit-tliet mitt żagħżugħ u żagħżugħa, tfajliet u ġuvintur, rappreżentanti kemm jista' jkun possibbli tal-kontinenti kollha, Kattoliċi u mhumiex, prattikanti jew le tal-fidi tagħhom, f'etajiet bejn wieħed u ieħor bejn l-20 u l-40 sena, talabhom ikunu sinċieri, kuraġġużi, jesprimu lilhom infushom kif iħossu huma u sħabhom li jgħixu magħhom. Huma wrew opinjonijiet u realtajiet diversi u anke opposti, imma kif esprimew ruħhom bosta mill-mexxejja tal-gruppi wara l-laqgħa presinodali, il-Papa u l-kardinali u l-isqfijiet li kienu preżenti setgħu jisimgħu fis-skiet, għal tlitt ijiem sħaħ, ir-realtajiet li ż-żgħażagħ qed jgħixu, kif qed jiffaċċjawhom u x'jixtiequ mill-Knisja. Huma wieġbu wkoll il-mistoqsijiet li sarulhom. Għalhekk iż-żgħażagħ infushom setgħu jistqarru: "Aħna ma nitolbux li l-Knisja tbiddel id-duttrina," qalu, "imma li niġu megħjuna nifhmuha sal-aħħar, biex inkunu nistgħu ngħixuha fid-dinja tal-lum... U forsi dan ġa qed isir, imma mhux qed jasal għand iż-żgħażagħ." Hekk fost l-oħrajn stqarret Noemi

Sanchez mill-Urugwaj imma li twieldet il-Brażil, ta' 28 sena, li wara li temmet l-ewwel kors fit-teoloġija u l-etika, issa qiegħda fit-tieni sena tħejji għad-dottorat fl-Università ta' Perugia.

### Adulti aktar awtentiċi u konsistenti

Il-grupp li Noemi kienet qed tmexxi fil-laqgħa presinodali jistqarr b'mod unanimu: "Aħna nitolbu iktar ftuħ, sinċerità u koerenza, mudelli awtentiċi li jkunu qribna, mexxejja li ma jegħjewx juru l-umanità tagħhom, li jammettu l-iżbalji tagħhom u joffru apoloġiji sinċieri; ikunu nies li magħhom tista' titkellem b'qalbek miftuħa fuq kollox... Bl-ideat differenti u xi drabi opposti, magħġunin flimkien, nistgħu nsibu soluzzjoni mill-aħjar għall-problemi li qed niffaċċjaw."



Infatti l-Papa nnifsu, ġa fl-ittra appostolika *Il-Ferħ tal-Evanġelju* (33), kien tenna li ma nistgħux nibqgħu nimxu fuq il-prinċipju 'Dejjem sar u għamilna hekk.' Hekk irrepeta mill-ġdid fid-diskors tiegħu f'din il-laqgħa l-Papa Franġisku: "Ħallu ż-żgħażagħ joħolmu," imma liż-żgħażagħ ukoll talabhom: "Tgħallmu mill-imgħoddi imma b'ħarsitkom lejn il-preżent u l-futur... Min ma jirriskjax imut."

Kliem mimli sapjenza tal-Ispirtu s-Santu. Kliem li lkoll neħtiġuh! Programm li jgħin lil kulħadd biex iżomm ruħu sinkronizzat mal-Ispirtu Qaddis, ħalli flimkien, ilkoll, poplu kollu t'Alla, inkunu nistgħu nagħmlu dixxerniment għaqli u ngħinu f'dil-mixja lil tant, żgħażagħ u mhux, tfal, kbar u adulti, fid-dixxerniment għaqli għall-għajxien tassew tas-sejħa Nisranija, kif inhu dmirna u kif tixtieq il-Knisja minna lkoll illum, u fuq kollox kif qed jitlob minna lkoll il-Mulej f'din is-siegħa storika li lkoll qed ngħixu. U wkoll kif l-istess dinja qed titlob mid-dixxipli tal-Mulej, anke f'pajjiżna, jekk irridu li Ġesù llum jibqa' relevanti.

### Nirbħu s-superfiċjalità u nkunu koerenti

Fl-ewwel jiem ta' Ġunju saru t-tlitt ijiem ta' aġġornament tas-saċerdoti f'Malta, fil-preżenza tal-Arċisqof Scicluna. Kien animat tajjeb ħafna mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ. Id-diskorsi, preżentazzjonijiet u wkoll l-erba' gruppi ta' riflessjoni dwar is-social media, il-familja, il-volontarjat, l-edukazzjoni u l-isports kienu tassew ta' għajnuna u xeħtu ħafna dawl. Fuq kollox iż-żewġ diskorsi ta' Fr Fabio, Sależjan, li bħala kunsillier ġenerali tal-ordni tiegħu wassal bosta esperjenzi ta' ħidma maż-żgħażagħ f'diversi pajjiżi mid-dinja kollha li kellu x-xorti jżur. "Filwaqt li lkoll niftakru," qal Fr Fabio, "li f'kull epoka, antika, moderna u kontemporanja, dejjem kien hemm l-għajta għall-ġdid mill-ġenerazzjoni żagħżugħa, illum forsi nħossuha aktar, għax it-tibdil qiegħed fuqna, jiġi malajr, fl-iqsar żmien."

Imma fuq kollox laqtuni ħafna xi riflessjonijiet li neħtieġu ħafna lkoll kemm aħna bħala Knisja: aktar koerenza sħiħa u kostanti fix-xhieda tagħna. Jeħtiġilna nirbħu s-superfiċjalità tagħna u nkunu aktar profondi, tassew, u trasparenti f'ħajjitna. Naħseb li dak li għedt aktar 'il fuq bi kliem Noemi Sanchez fil-laqgħa presinodali, jekk nisimgħuh u naqraw il-ħtieġa tiegħu kważi kull fejn tkun, u dan kliem Fr Fabio, tajjeb iservuna lkoll biex aħna wkoll nagħmlu kulma nistgħu biex l-Evanġelju u l-valuri tiegħu nwassluhom mhux biss bi kliemna imma fuq kollox b'ħajjitna; u mhux biss lill-ġenerazzjoni żagħżugħa imma lis-soċjetà kollha.

Matul dawn il-ġimgħat li fadal għas-sinodu nitolbu lkoll b'fidi kbira, f'kull okkażjoni li jkollna, fil-quddies tagħna, fir-rużarju ta' kuljum, fil-laqgħat tagħna, biex dan iseħħ skont ir-rieda tal-Mulej għalina, anke f'pajjiżna, b'tant ġid għaż-żgħażagħ tagħna u kull min imiss magħhom, jiġifieri l-poplu kollu.



PADRE PIO
100 SENA MILL-GĦOTI TAL-PJAGI
50 MIT-TWELID TIEGĦU GĦAS-SEMA

# IL-PJAGA L-MOĦBIJA



PADRE PIO
FR JOE BUTTIGIEG OFMCAP

Xhud ewlieni tal-pjaga fuq l-ispalla, jew kif inhi magħrufa, 'il-pjaga l-moħbija', li Padre Pio kellu bħal Ġesù Kristu, huwa Fra Modestino Fucci.

Damiano Fucci, kif kien jismu qabel ma ngħaqad mal-patrijiet Kapuċċini, twieled fis-17 ta' April 1917 lil Domenico u Anna, bdiewa mir-raħal ta' Pietrelcina, fejn twieled Francesco Forgione (Padre Pio).

Fis-17 ta' Jannar 1969, ftit inqas minn sena mill-mewt ta' Padre Pio, kien ġie mibgħut San Giovanni Rotondo biex joqgħod mal-bieb u jilqa' lil dawk kollha li kienu jħabbtu l-kunvent Kapuċċin.




Baqa' f'dan il-kunvent sal-jum li fih mar lura fi ħdan il-Missier nhar l-14 ta' Awwissu 2011.

Minn dejjem xtaq ikun jagħmel sehem mill-fraternità Kapuċċina tal-kunvent fuq il-Gargano, biex ikun qrib il-kompajżan tiegħu. Meta seta' u kienu jippermettulu s-superjuri, kien imur iżur lill-Padre, joqgħod xi jumejn tajba miegħu, jixrob mill-ispiritwalità tiegħu.

Imma issa kien hieni, ukoll jekk xewqtu kienet maqtugħa wara l-mewt ta' Padre Pio. In-nies kienet issib fih minjiera ta' tagħrif dwar Padre Pio, kienet tixrob mill-istess spiritwalità li xorob huwa, għarfet fih qdusija sempliċi u ta' veru, kariżmi u doni li bħallikieku kien qiegħed ikompli l-missjoni li ħalla l-Padre.

Imbagħad l-hena tiegħu laħqet il-milja kollha tagħha meta l-Patri Gwardjan, Padre Pellegrino Funicelli, tah iċ-ċavetta taċ-ċella ta' Padre Pio biex jiġbor kollox u jqiegħed kollox fl-arkivju.

Fil-ktieb tiegħu *Io... Testimone del Padre*, Fra Modestino jirrakkonta l-emozzjoni li kien ħass huwa u jaqbad b'idu u jmiss il-ħwejjeġ li messew mal-Padre: il-paramenti sagri li bihom kien iqaddes Padre Pio, il-faxex li kienu marbuta mal-pali ta' jdejh, ma' riġlejh, mal-kustat, in-nofs ingwanti, kemm dawk bojod kif ukoll dawk kannella, il-kalzetti, l-imkatar, il-qmis ta' billejl, kollha mċappsa bid-demm, b'ħafna demm.

Imma l-ikbar xokk li ħa kien meta kien jirranġa l-flokkijiet ta' taħt ta' Padre Pio u ftakar meta darba waħda filgħaxija, quddiem iċ-ċella numru 5, Padre Pio kien qallu li wieħed mill-akbar uġigħat li kien iġarrab kien dak meta kien ibiddel il-flokk ta' taħt.

Fra Modestino qatt ma fehem eżatt x'ried jgħid il-Padre dakinhar. Hu kien ħaseb li kien qiegħed jitkellem dwar il-pjaga tal-kustat.

Imma kellu jibdel fehmtu meta fl-4 ta' Frar 1971, waqt li kien jifli flokk minnhom, ra li fuq il-post tal-għadma l-leminija tal-ispalla kienet għadha tidher tebgħa ta' demm. Din ma kinitx bħal dawk it-tbajja' tal-qmis tal-flaġellazzjoni, imma kienet bħal daqqa tonda ta' qies ta' 10 ċentimetri. Allura fehem li l-uġigħ li kien tkellem dwaru Padre Pio kien kaġun ta' din il-pjaga misterjuża.

Dakinhar stess filgħaxija, qabel ma ġie biex jimtedd f'soddtu, Fra Modestino għamel talba qawwija u b'fidi kbira lil Padre Pio: "Padre, jekk tassew kellek il-pjaga tal-ispalla, agħtini sinjal."



Jgħid hekk: "Irqadt. Imma eżatt fis-siegħa u ħames minuti ta' billejl, waqt li kont rieqed trankwill, f'daqqa waħda wġigħ jaqta' daqs xafra fi spallti qajjimni. Kien bħallikieku xi ħadd ried jaqlagħli b'sikkina l-għadma ta' ma' għonqi. Kieku dak l-uġigħ kellu jdum minuta oħra, naħseb li kont immut. Fl-istess waqt smajt leħen jgħidli: 'Hekk batejt jien!'

"Riħa qawwija tfuħ imlietli ċ-ċella tiegħi. Ħassejt qalbi mfawra bl-imħabba ta' Alla. L-uġigħ kien qawwi ħafna imma fl-istess ħin ħelu. Beda jiddispjaċini li m'għaraftx ingawdi mument hekk qawwi bħal dan.

"Issa kont fhimt!

"Minkejja li kont imħawwad, kont żgur li Padre Pio, minbarra l-pjagi ta' jdejh, ta' riġlejh u l-kustat, minbarra li sofra l-flaġellazzjoni u l-kuruna tax-xewk għal ħafna snin, bħal Ċirinew ġdid ta' kulħadd u għal kulħadd huwa kien dak li għen lil Ġesù jġorr is-salib tal-miżerji tagħna, tan-nuqqasijiet tagħna, ta' dnubietna.

"U dak il-flokk ta' taħt kien sinjal li ma jħassru ħadd!"






# IL-MAGĦŻULIN



ĦAJJA MISSJUNARJA
FR HILARY ABELA OFMCAP

Kull bniedem jista' jingħata b'debħa 'l Alla biex jaqdi lill-oħrajn fil-mixja Nisranija tagħhom. Imma hija ħaġa iebsa li tinfatam minn drawwiet ġensek u mill-ġibdiet tad-dinja biex tkun il-magħżul, il-midluk u l-qaddej ta' Alla.

Kien il-ħsieb ta' Alla li jintgħażlu żagħżugħ u żagħżugħa mill-parroċċa ta' Msabaha, li hija waħda mill-parroċċi li hemm fid-djoċesi ta' Malindi, biex dawn iż-żewġ żgħażagħ ikunu ta' xhieda għall-ħajja reliġjuża qalb iż-żgħażagħ tal-parroċċa.

## Twemmin Afrikan

L-Afrikani għandhom qima kbira lejn il-ħajja, għax hija l-barka ta' Alla. Min ixekkel triqatha jduq is-sawt. Għal dan il-għan kull tifel u tifla fil-familja għandhom jiżżewġu. B'hekk ikollhom 'l uliedhom u wlied uliedhom. B'dan il-mod il-ħajja tibqa' miexja 'l quddiem mingħajr ma tittiefes. Imqar l-imrieħel u l-imsaġar tifrex fuqhom il-barka ta' Alla li tidher fil-beraħ minn frotthom.

L-Afrikan qatt ma fehem kif wieħed jew waħda tinfatam miż-żwieġ u tgħix għal rasha. Bla ma trid tisma' t-tfesfis fil-widnejn: "It-tali nħakem mill-magħmul" jew "Moħħhom tħarbat." Dan kollu għax għażlu li jitħażżmu b'sejħet Alla.

Biex inkomplu nżidu ma' li għedna, l-Afrikani għandhom ħarsa twila fil-ġejjieni għall-ewwel tifel jew tifla fost uliedhom kollha.

Il-missier iħares lejn ibnu l-kbir, li huwa bħal dellu jew idu l-leminija. Fih iqiegħed il-mistur kollu ta' qalbu, il-ġid li għandu, il-ħsieb fit-tmexxija tal-familja u l-ħarsa ġejjiena sa ma tintemm f'qabru.

L-omm tħares lejn bintha l-kbira bħala l-ħatar li titwieżen fuqu f'mixjet ħajjitha. Hija qalb ommha. Bejniethom m'hemmx ħabi, għax huma qalb waħda. Fin-nuqqas tal-omm, il-bint il-kbira tieħu ħsieb il-famija kollha.

L-omm tħares lejn binha l-kbir li huwa l-messaġġier bejn ommu u missieru. Dak kollu li l-omm trid mingħand żewġha jitwassal minn binha l-kbir u minn ħadd iżjed.

Drawwiet bħal dawn u oħrajn bħalhom mhux lakemm tgħawwiġhom, tkissirhom jew iddewwibhom, għalkemm iż-żmien fil-ħemda tiegħu jagħġinhom u joħroġ minnhom għamla oħra li qatt ħadd ma kien joħlom biha.

## Alla għażel l-Afrikani

"Il-ħsad huwa kbir iżda l-ħaddiema huma ftit," kien qal l-Imgħallem lid-dixxipli tiegħu. Għall-karba ta' Ġesù, Alla ħaseb biex dan il-ħsad ma jintilifx. Sejjaħ għadd ta' reliġjużi u qassamhom mal-Afrika kollha.

Il-missjunarji tħalltu man-nies u bdew jaħdmu magħhom.

L-imħabba li wrew ma' kull min kellu bżonnhom, il-qadi bla ħlas u l-mixi minn raħal għal ieħor biex jgħinu lil min hu fil-bżonn kienu xhieda qawwija biex l-Afrikan jifhem min huma dawn in-nies: nies ta' għaqal kbir, imħabba bla qies u fehma tal-azzar.

Il-ħarsa fit-tul tal-missjunarji ma kinitx biss li jgħallmu l-Kelma ta' Alla, jibnu l-knejjes u jeqirdu l-faqar darba għal dejjem, imma min se jkompli ħidmithom wara li jindifnu.

Ħsiebhom waqa' fuq it-tfal u ż-żgħażagħ.

Bdew jibnu l-iskejjel, iħajru 'l-ommijiet biex jibagħtu lil uliedhom l-iskola, fejn il-missjunarji kienu jlibbsuhom, jitimgħuhom u jgħallmuhom bla ħlas ta' xejn. Ix-xogħol intlaqa' b'ferħ kbir. It-tfal bdew jiżdiedu u l-bini tal-iskejjel infirex ma' kullimkien.

It-tfal ma baqgħux iżjed ma' djul ommhom imma

saru wlied il-missjunarji. Kien għalhekk xogħol il-missjunarji li jagħġnu l-imħuħ ta' dawn it-tfal, joħorġuhom mill-irkejjen ta' djarhom u jħalltuhom flimkien biex iħarsu lejn dinja li twassalhom għall-għaqda, is-sliem u l-ġid ta' art twelidhom.

L-Afrikani bdew iħarsu lejn il-missjunarji bħala nies ta' ħila kbira. Ix-xjuħ bdew imorru għandhom biex jieħdu xi tagħrif kif għandhom imexxu lil ġenshom.

Iż-żgħażagħ talbu lill-missjunarji li jingħaqdu magħhom u jsiru huma wkoll ħaddiema bħalhom. Kien ferħ kbir għall-missjunarji meta bdew jaraw il-frott ta' ħidmithom, wisq iżjed li t-twemmin Nisrani kellu għeruq biżżejjed għaż-żmien li kellu jsaltan fuq l-artijiet Afrikani.

## L-għexur

Alla dejjem xtaq li jduq minn frott l-art u xogħol il-bniedem. Għadaqstant amar lill-profeti biex iħażżu fil-Kotba Mqaddsa l-liġi tal-għexur.

Li tidbaħ sehem mill-ħsad jew mill-imrieħel tiegħek ma kinitx ħaġa minn ewl id-dinja, imma meta żagħżugħ jew żagħżugħa jitolbu lil nieshom biex jingħaqdu mar-reliġjużi hija ħaġa iebsa li ma titwemminx.

Ftit żmien ilu Alla xeħet għajnejh fuq il-parroċċa ta' Msabaha, waħda mill-parroċċi fid-djoċesi ta' Malindi. Għażel xebba biex tkun qaddejja għax-xogħol kollu li fassal l-Imgħallem divin.

Anastasja Riziki, ix-xebba magħżula minn Alla, kienet ilha tħoss il-ġibda biex issir soru, imma minħabba l misthija tagħha, id drawwiet li twieldet fihom u l-faqar tal-familja, kienet dejjem trassas fiha s-sejħa ta' Alla. Jum minnhom għamlet il-ħila u ġiet tiftaħ qalbha miegħi. Għalija kien xogħol iebes biex nagħmel ħilti ħalli ma titlifx is-sejba ta' dan it-teżor.



L-ordinazzjoni ta' Fr Charles

Minħabba l-faqar u l-għajnuna meħtieġa fid-dar ta' ommha, Anastasja ma setax ikollha l-kwalifika meħtieġa biex tingħaqad mas-sorijiet.

Bla telf ta' ħin qabbadtha tgħallem lit-tfal iż-żgħar f'waħda mill-iskejjel tagħna. Kif drat ix-xogħol ħallastilha l-iskola biex ikollha diploma bħala għalliema. Ix-xogħol kien miexi ħarir. Kien jonqos biss li l-bieb il-kbir tad-dar tas-sorijiet jinfetaħ beraħ u jilqgħu magħhom lil Anastasja.

Illum Sor Anastasja hija maħbuba minn kulħadd u hi għalliema ta' siwi kbir fil-ġemgħa tas-sorijiet, u mogħtija b'ruħha u b'ġisimha għal dak kollu li jamrilha Alla.

Il-Mulej reġa' tefa' ħarstu fuq il-parroċċa ta' Msabaha. Din id-darba ried żagħżugħ, bil-ħsieb li jkun ragħaj tal-erwieħ. U l-Mulej għażel lil Charles Charo.

Charles, tifel bil-għaqal u moħħu fl-istudju, ma kellux tfixkil kbir mill-familja, għax għalkemm ma kinux għonja, imma lanqas kienu fqar għall-aħħar.

Iż-żagħżugħ trabba fi ħdan il-patrijiet Kapuċċini u minn tfulitu kien iħoss ġibda biex jgħix il-ħajja reliġjuża. Wara li spiċċa l-iskola ngħaqad mal-Kapuċċini u beda jterraq għall-għażla ta' Alla: is-saċerdozju.

Is-Sibt, 26 ta' Mejju 2018, il-misraħ tal-knisja kien mimli sa ruħ ommu bin-nies biex jaraw lil Charles midluk saċerdot mill-Isqof Joseph Alessandro, Kapuċċin. Il-kant, iż-żfin u d-daqq tat-tnabar komplew żiedu l-ferħ f'qalb il-ġemgħa li ġiet bi ħġarha għall-ewwel festa ta' saċerdot Kapuċċin li twieled u għex fi Msabaha.

Wara l-quddiesa kulħadd intasab bilqiegħda biex jiekol dak li tlesta għal jum il-festa.

Sor Anastasja Riziki u Patri Charles Charo huma s-sisien għall-bini tal-vokazzjonijiet fost iż-żgħażagħ tal-parroċċa ta' Msabaha.



# MID-DJARJU TAL-KAPUĊĊINI MALTIN



## AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA

BR MIGUEL ZAMMIT OFMCAP

### BIDU TAL-ĦIDMA PARROKKJALI TA' ĦUNA PUBLIUS MAIR

It-Tlieta, 1 ta' Mejju 2018 kien il-jum li fih Fr Publius Mair beda b'mod uffiċjali l-ħidma pastorali tiegħu bħala l-kappillan tal-parroċċa ta' Marija Reġina, il-Marsa. Dan sar permezz ta' quddiesa li ġiet immexxija mill-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, li fiha huwa ppreżenta lill-komunità tal-Marsa l-kappillan il-ġdid tagħhom.



F'purċissjoni simbolika li saret waqt il-quddiesa, l-Arċisqof ippreżenta lill-kappillan it-tabernaklu, il-fonti tal-magħmudija, il-konfessjonarju, il-qanpiena u l-ambone biex jurih ir-responsabbiltà li huwa għandu bħala ragħaj ta' din il-merħla. Fl-omelija tiegħu Mons. Arċisqof stieden lil dan Ħuna u qallu: "Fakkar lil din il-komunità għażiża, imbierka bl-isem ta' Marija Reġina, din is-sejħa partikolari tad-dixxiplu: li jnissel il-preżenza ta' Ġesù fid-dinja tal-lum, fil-kuntest storiku tal-lum, la tal-bieraħ u lanqas ta' għada."

Nitolbu għal dan Ħuna sabiex flimkien mal-fraternità jkompli jaħdem għall-ġid ta' din il-komunità parrokkjali. Awguri.

### FTUĦ TA' DAR ĠDIDA TAL-FONDAZZJONI SURET IL-BNIEDEM

Nhar il-Ħamis, 3 ta' Mejju 2018 ġiet inawgurata d-dar ġdida tal-Fondazzjoni Suret il-Bniedem, bl-isem ta' Dar Imelda, li tinsab f'Birkirkara. Din id-dar tipprovdi residenza lil nisa vulnerabbli u bi problemi ta' mard mentali li jkunu qed jiġu rikoverati mill-Isptar Monte Carmeli. L-iskop ewlieni ta' din id-dar huwa li tgħin lir-residenti jintegraw sewwa fis-soċjetà u fil-komunità filwaqt li tkun imħarsa d-dinjità ta' dawn il-persuni. Il-Fondazzjoni issa ilha taħdem biex tipprovdi saqaf lill-persuni bla dar u b'hekk tgħinhom iġibu tibdil fil-ħajja tagħhom, filwaqt li jtejbu l-abilitajiet tagħhom. Ir-residenti f'dawn id-djar huma mħeġġa biex jagħtu anke s-sehem tagħhom fil-ħajja ta' kuljum tad-dar u f'attivitajiet oħra.



Dar Imelda issa hija l-ħames dar tal-Fondazzjoni. Id-djar l-oħra huma: Dar Leopoldo fil-Gżira, li toffri saqaf lill-irġiel; Dar Victoria, li toffri saqaf lill-irġiel b'mard mentali; Dar Franġisk, li toffri wkoll saqaf lill-irġiel b'mard mentali imma li huma aktar indipendenti (dawn jinsabu fil-Marsa); u Dar Tereża Spinelli fil-Belt Valletta, li toffri saqaf lin nisa. B'kollox il-Fondazzjoni qed tagħti kenn lil 34 persuna. Fid-diskors tiegħu waqt l-inawgurazzjoni ta' din id-dar Ħuna Carmelo Aquilina tenna li diġà qegħdin jgħixu l-ewwel sebgħa minn erbatax-il mara, li ntbagħtu mit-tobba tal-Isptar Monte Carmeli biex ikomplu bir-riabilitazzjoni tagħhom. Id-dar ġiet imbierka mill-Ministru Provinċjali Ħuna Effie Mallia. Din id-dar issemmiet għal Imelda u

Paul Debono, li taw din il-proprjetà f'Birkirkara lill-Fondazzjoni.

## MISSJONI KAPUĊĊINA F'BARĊELLONA

Fl-4 u s-6 ta' Mejju saret missjoni ta' evanġelizzazzjoni minn grupp ta' 37 Aħwa Kapuċċini Ewropej fil-belt ta' Barċellona fi Spanja. Din kienet l-ewwel minn serje ta' missjonijiet ta' evanġelizzazzjoni li l-Ordni biħsiebu jagħmel fi bliet sekularizzati fl-Ewropa. Il-missjoni f'Barċellona kienet tinkludi mumenti ta' talb man-nies fi knejjes differenti, outreaches fit-toroq u l-pjazez fejn l-Aħwa ħarġu jiltaqgħu man-nies u purċissjoni bir-relikwa tal-mantell ta' San Franġisk, liema relikwa nżammet għall-venerazzjoni tan-nies f'diversi knejjes matul it-tlitt ijiem. Fr Hayden Williams u Fr Ivan Scicluna ħadu sehem f'din il-missjoni. Hayden għamel katekeżi għan-nies bit-tema **Stedina Franġiskana għar-Rikonċiljazzjoni** waqt li Ivan kien membru fl-équipe organizzattiv. Kienet xi ħaġa sabiħa li Ħuna Stefan Kozuh (Vigarju Ġenerali tal-Ordni), Pio Murat u diversi provinċjali Ewropej kienu parti minn din l-esperjenza ta' evanġelizzazzjoni. Nitolbu biex joħroġ ħafna ġid minn din **il-qadfa fil-fond** (Lq. 5, 4).



## L-ANNIVERSARJU TAT-TWELID TA' PADRE PIO MFAKKAR F'MALTA U F'GĦAWDEX

### MALTA

Biex jiċċelebraw il-131 anniversarju minn jum it-twelid ta' Patri Piju minn Pietrelcina (1887-2018), f'din is-sena speċjali meta l-gruppi ta' talb minn madwar id-dinja kollha qegħdin ifakkru l-100 sena minn meta Patri Piju rċieva l-pjagi fl-20 ta' Settembru tal-1918 u l-50 anniversarju minn mewtu, li ġrat fit-23 ta' Settembru 1968, il-gruppi Għawdxin u d-devoti tal-qaddis iltaqgħu kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.



Il-laqgħa ta' Malta saret fis-Santwarju ta' Santa Tereża f'Birkirkara. Għaliha attendew numru kbir ta' membri ġejjin mid-diversi gruppi ta' talb ta' Patri Piju mferrxin madwar Malta u anke ħafna devoti tal-qaddis tal-pjagi.

Saret quddiesa konċelebrata mmexxija minn Mons. Pawlu Darmanin OFMCap, Isqof Emeritu ta' Garissa. Kien megħjun mill-Provinċjal tal-Kapuċċini Fr Effie Mallia u mid-Direttur Nazzjonali tal-Gruppi ta' Patri Piju, Fr Karm Dimech, u wkoll Ħuna Fr Alfred Xerri.



Fl-omelija tiegħu l-Isqof Pawlu Darmanin fakkar f'dak li din is-sena qegħdin niċċelebraw, jiġifieri mhux biss il-131 sena mit-twelid ta' Patri Piju imma wkoll il-100 sena minn mindu l-qaddis irċieva l-pjagi u wkoll il-50 sena minn mewtu. Dawn huma anniversarji li għandna niċċelebraw bil għan li jħallu fina l ġid spiritwali li l-qaddis tal-Gargano ħallielna bħala wirt. Mhux biżżejjed li nħarsu lejn Padre Pio u nammirawh għall-mirakli li għadu jagħmel, imma huwa iktar importanti li nsegwu t-tagħlim li ħallielna b'ħajtu u b'kitbietu, insista Mons. Darmanin fl-omelija tiegħu. Huwa fakkar fit-tliet rakkomandazzjonijiet li Padre Pio kien

jinsisti dwarhom mal-membri tal-gruppi ta' talb: ITOLBU BLA WAQFIEN – ITTAMAW DEJJEM – TINKWETAW QATT. L-Isqof ħeġġeġ ukoll lil dawk preżenti sabiex jimitaw il-virtujiet ta' Padre Pio, fosthom l-umiltà, l-ubbidjenza u l-imħabba kbira li kellu lejn il-morda.

Matul il-quddiesa sar il-bews tal-ingwanta ta' Padre Pio u wkoll saret ġabra ta' €1,200 sabiex tintbagħat lill-Isptar Casa di Sollievo ġewwa San Giovanni Rotondo.

## GĦAWDEX

Il-laqgħa f'Għawdex saret fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, ir-Rabat, nhar il-Ġimgħa 25 ta' Mejju. Din il-laqgħa saret billi fil-bidu kien hemm ħin ta' adorazzjoni ewkaristika animata bir-rużarju. Wara l-adorazzjoni Patri Philip Cutajar, Segretarju tal-Missjoni Kapuċċini



f'Malta, mexxa quddiesa konċelebrata megħjun minn Patri Remiġ Galea, direttur spiritwali tal-grupp tar-Rabat, flimkien ma' Patri Spiru Galea.

Biex ifakkru din l-okkażjoni Vincent Vella, f'isem il-gruppi ta' talb u f'isem id-devoti ta' San Piju, fi tmiem il-quddiesa ppreżenta lil Patri Philip donazzjoni biex tkopri ħdax-il borża ta' studju (€6,600) biex jgħinu seminaristi Kapuċċini fil-Kenja ħalli jkomplu bl-istudju tagħhom fil-mixja tagħhom lejn is-saċerdozju. Kif kien jixraq f'din is-sena tant speċjali, dan kien l-akbar numru ta' boroż ta' studju li nġabar f'sena waħda. B'dawn



il-boroż ta' studju li ngħataw din is-sena issa **t-total tela' għal 77, jiġifieri bl-ammont ta' flus miġbura jlaħħaq €46,200.**

Il-bixra fuq wiċċ dawk kollha preżenti kienet tirrifletti dak is-sodisfazzjon kbir li ħassew f'qalbhom meta ftakru li bl-għajnuna u l-appoġġ tagħhom kienu tefgħu raġġ ta' dawl fil-ħajja ta' ħaddieħor. Dan kollu jfakkarna f'dak li qal San Pawl fl-Atti tal-Appostli: "Min jagħti hu aktar hieni minn min jirċievi." Iċ-ċelebrazzjoni kienet animata minn Mario Caruana u t-tifla tiegħu Maria.

## ŻJARA F'GĦAWDEX MILL-VOLUNTIERA UFFIĊĊJU MISSJONI

Nhar it-Tlieta 5 ta' Ġunju l-voluntiera li jaħdmu kuljum fl-Uffiċċju tal-Missjoni fil-Furjana għamlu żjara f'Għawdex. Din ġiet organizzata kemm bħala apprezzament tal-ħidma siewja tagħhom kif ukoll bil-għan li tkompli tikber l-għaqda ta' bejniethom. Huma jgħaddu sigħat twal jagħmlu ħafna xogħol fl-uffiċċju b'risq il-missjoni u l-missjunarji. Xogħol li jagħmluh bl-imħabba u d-dedikazzjoni.



Matul iż-żjara ta' ġurnata f'Għawdex il-voluntiera kellhom quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja tal-Kapuċċini fir-Rabat. Wara, il-Gwardan Fr Joe Buttigieg dawwar il-grupp kemm mal-knisja-santwarju kif ukoll mal-kunvent, filwaqt li qasam magħhom informazzjoni spiritwali u storika magħġuna ma' dawn il-postijiet. L-ikla ta' nofsinhar ma kinitx nieqsa. Wara l-ikel saru żjarat oħra fil-knisja santwarju nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu, Wied il-Għasri, Wied il-Mielaħ, ix-Xlendi u ċ-Ċittadella.

F'isem il-provinċja tal-Kapuċċini f'Malta, f'isem il-missjunarji tagħna u mhux inqas f'isimkom il-qarrejja/abbonati tad-*Dawl Franġiskan* nixtiequ

ngħidu **grazzi kbira** lil dawn il-voluntiera għall-ħidma siewja tagħhom.

### ŻJARA FID-DAR TAL-PROVIDENZA

Nhar it-Tlieta 15 ta' Mejju l-Aħwa tal-fraternità tal-Kapuċċini tal-Furjana għamlu żjara fid-Dar tal-Providenza. Din iż-żjara kellha diversi għanijiet, fosthom li tintwera solidarjetà ma' dak li qed isir f'din id-dar bħala realtà ta' mħabba lejn dawk li huma vulnerabbli, biex ikollhom aktar għarfien dwar x'inhu jsir u anke li żjara bħal din isservi bħala espressjoni ta' karità min-naħa tal-Franġiskani Kapuċċini ma' din ir-realtà li l-Knisja f'Malta qed twettaq. Fil-fatt l-Aħwa Kapuċċini offrew is-somma ta' €400 mill-pocket money tagħhom li kienu ġabru bejniethom fi żmien ir-Randan. Ġew milqugħa ħafna mid-Direttur tad-dar Dun Martin Micallef, li dawwarhom mal-post u fissrilhom is-servizzi li r-residenti jingħataw f'din id-dar.



### P. MARTIN MICALLEF OFMCAP JIĊĊELEBRA L-25 ANNIVERSARJU MILL-ORDINAZZJONI PRESBITERALI

Din is-sena P. Martin Micallef OFMCap qed jiċċelebra l-25 anniversarju mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu. Huwa kien ġie ordnat saċerdot fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta nhar it-2 ta' Lulju 1993 mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Ġużeppi Mercieca. Dakinhar b'kollox kien hemm disa' saċerdoti ġodda: Dun Michael Bugeja, Dun Albert Buhagiar, Dun Noel Camilleri, Dun Martin Cardona, Mons. Hector Scerri, P. Raymond Gatt OP, P. Joe Vassallo OP, Fr Charles Said SDB, u P. Martin Micallef.

Sabiex jiġi ċċelebrat dan il-25 anniversarju dawn id-disa' saċerdoti kkonċelebraw f'quddiesa li tmexxiet mill-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna, liema quddiesa ġiet iċċelebrata fil-Katidral tal-Imdina nhar il-Ħadd, 3 ta' Ġunju 2018, solennità ta' Corpus Christi.



L-istess saċerdoti mbagħad komplew jiċċelebraw dan l-anniversarju flimkien mal-Papa Franġisku permezz ta' quddiesa konċelebrata fil-kappella tar-residenza Santa Marta fil-Vatikan. Dan il-grupp ta' saċerdoti kien maqsum fi tnejn: P. Martin flimkien ma' tlieta oħra kkonċelebraw mal-Papa Franġisku t-Tnejn 11 ta' Ġunju, filwaqt li l-kumplament ikkonċelebraw mal-Papa l-għada.

Wara l-quddiesa P. Martin u sħabu kellhom l-opportunità li jiltaqgħu u jitkellmu personalment mal-Papa Franġisku. Kien mument sabiħ li fih il-Papa talab lil dawn is-saċerdoti sabiex jitolbu għalih filwaqt li awguralhom aktar snin ta' ħidma fil-Knisja.



**JUM IL-MISSJONI TAL-FRANĠISKANI KAPUĊĊINI**

**ser jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd 30 ta' Settembru 2018, fil-knisja tal-Franġiskani Kapuċċini, il-Furjana, fis-6.00 p.m.**

**Ikollna quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Pawlu Darmanin OFMCap Isqof Emeritu ta' Garissa bl-omelija mill-Ministru Provinċjal Fr Effie Mallia OFMCap.**

**Il-qraba u l-ħbieb tal-missjunarji flimkien mal-benefatturi kollha tal-missjoni tal-Kapuċċini huma mistiedna.**

# MALTA QALBIENA



POEŻIJA
FILIPPU CHIRCOP

Għid is-sewwa, Malta tagħna,
intix tħoss tibdil ir-riħ?
Issa b'saħħtek bit-tbissima,
issa tingħi taħt l-uġigħ?

Ħafna rjus għamlulek isem,
ħafna jdejn ħafnuk bis-sħiħ;
rifsu fuqek riġlejn kiefra
li serqulek mis-sabiħ.

Imma inti, ta' qalbiena,
xammart drieghek u ssarajt;
xħitt 'il barra minn fuq xtutek
kien min kien, bla qatt ma bżajt.

Malta tagħna, kont qawwija
kontra l-għadu mqar tar-ruħ,
għaliex issa qed tiddgħajjef
u sellaħt il-ħajt tal-lqugħ?

L-għadu tiegħek, lupu ħajjen,
qed jiġġerra bla waqfien,
jaħtaf, jibla' 'l min hu xipli
biex iġorru għat-telfien.

Ħu f'idejk it-Tarka l-Kbira,
kienet f'idek għal snin kbar.
Ħu l-Għasluġ ta' kliem l-Imgħallem,
saħħaħ sidrek daqs l-azzar.

Fittex qum, uriħom drieghek,
titnikkirx, iż-żmien għaddej;
tħalli qatt li tkun id-debħa,
miegħek għandek lill-Feddej.

Ħalli kliemek u għemilek
jerġgħu jnibbtu kollha nwar,
biex jissieltu bħal fl-imgħoddi
bl-azzarin minn fuq is-swar.

# GARISSA - KENJA




FR JOE GRIXTI
OFMCap

F'dan il-ktieb l-awtur b'sengħa kbira
jwassal taħt forma ta' rakkonti li jsaħħru
d-diversi esperjenzi li għadda minnhom
matul iż-żmien li għadda
bħala missjunarju fil-Kenja.
Ktieb li jġibek qrib il-ħajja missjunarja
u jnissel fik imħabba lejn il-missjunarju.

Jinbiegħ għall-prezz ta' €5
mill-kunventi kollha tal-Kapuċċini
Pubblikazzjoni "Uffiċċju Missjonijiet Kapuċċini"
Il-qligħ imur għall-missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja

# Għajnuna kbira Sibnieħ fid-dwejjaq

ta'
FR MARIO ATTARD OFMCap

F'dan il-ktieb l-awtur jgħaqqad il-kapaċità tiegħu
bħala kittieb flimkien mal-esperjenza tiegħu
bħala kappillan mal-morda għal 14-il sena.
Ktieb li jgħinek tiskopri l-valur tat-tbatija
u jnissel fik imħabba lejn il-morda.




**Jinbiegħ għall-prezz ta' €5
mill-kunventi kollha tal-Kapuċċini
Pubblikazzjoni "Uffiċċju Missjonijiet
Kapuċċini". Il-qligħ imur
għall-missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja.**



# ROKNA GĦAT-TFAL

NIPPARTEĊIPAW U NITGĦALLMU
NUŻAW IL-BIBBJA



KOMPETIZZJONI
FR WISTIN ATTARD OFMCAP

## AQTA' MIN NRU 33

1. Dawn serquhom u bigħuhom. (Imħ. 2, 14)
2. Mibgħuta mill-Mulej biex isalvawhom. (Imħ. 2, 16)
3. Imut dan, jitħassar il-poplu. (Imħ. 2, 19)
4. Kien jisraq mill-kaldarun għall-qassis. (1 Sam. 2, 13-14)
5. Ried laħam nej, mhux mgħolli. (1 Sam. 2, 15)
6. Wildet tliet subien u żewġt ibniet. (1 Sam. 2, 21)
7. David ried li dan imut fil-gwerra. (2 Sam. 11, 15)
8. Qatlitu mara b'ġebla tat-tħin. (2 Sam. 11, 21)
9. Profeta mibgħut għand David. (2 Sam. 12, 1)
10. L-aktar sultan għani u għaref. (1 Slat. 10, 23)
11. Għadu kbir ta' Salamun. (1 Slat. 11, 14)
12. Ċarrat il-mantar ġdid fi tnax-il biċċa. (1 Slat. 11, 30)

## TISLIBA NRU 167



1. Fraħt ***mhux ftit*** b'dawk l-aħwa. (3 Ġw. 3) (5)
2. Int... skont il-wegħda. (2 Sam. 7, 21) (6)
3. ... kieku żammejtu miegħi. (Fil. 13) (5)
4. Hekk għamlu l-magħżula. (Atti 13, 48) (5)
5. Parti mill-mantar. (Rt 3, 9) (4)
6. Din tal-lanza. (1 Kron. 20, 5) (5)
7. ***Lestiet*** il-karettuni u għabbiet. (Ġdt. 15, 11) (5)
8. Tgħidu li din hija mniġġsa. (Mal. 1, 12) (5)
9. Kien ħabbar tal-ġustizzja. (2 Pt. 2, 5) (3)
10. Hekk għamlet il-ħeġġa tagħkom. (2 Kor. 9, 2) (7)
11. u 12. Mela... hekk. (Mt. 6, 9) (6)
13. Irid ikun bla difett dan. (Lev. 4, 23) (6)
14. Hekk 'il quddiem, mhux lura. (Fil. 3, 14) (5)
15. Kif Alla għamel il-bniedem. (Koħ. 7, 29) (5)
16. Ksejtek bih. (Eżek. 16, 10) (5)
17. Trab mhux oħxon. (Dt. 9, 21) (5)
18. Din tfarrak il-blat. (Ġer. 23, 29) (7)
19. L-ilbiesi ma kinux qosra. (Apk. 7, 13) (4)
20. Hekk għamel il-wied miegħi. (Ġona 2, 4) (3)
21. Jiena... id-dinja. (Ġw. 16, 33) (5)
22. Dawn ħarġuhom barra mit-triq. (Għam. 2, 4) (5)

Agendabookshop

### Soluzzjoni għal Tisliba #166

1. Ħaxix; 2. Berija; 3. Raqdu; 4. Ismek; 5. Gwaj; 6. Ħaqqu; 7. Asera; 8. Sewda; 9. Idi; 10. Dwejjaq; 11. u 12. Taħtar; 13. Arawni; 14. Ibill; 15. Sirtu; 16. Ħargu; 17. Ġubal; 18. Bettija; 19. Tfal; 20. Afu; 21. Lvant; 22. Ġenna.

### Ir-rebbieħa tax-xahar ta' Ġunju - Lulju 2018

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni Nru 41 OĠĠETTI FIL-BIBBJA huwa Mattew Falzon - 30B, "Sta Marija" - Triq Santa Katarina - il-Gudja - GDJ 1113. Ir-rebbieħ tat-Tisliba Nru 166 huwa Lauren Brincat - 81, Triq il-Keffa - is-Swieqi - SWQ 2255. Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA'TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

1. Borża ta' studju
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

2. Ibagħtulna bolol tajbin jew użati
Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI.** Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€5.

3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv.

4. Bażar b'risq il-missjoni
jkun miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 a.m. u l-11.30 a.m. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla; il-Qawra; parti minn Birkirkara; l-Isla; Tas-Sliema u parti mill-Marsa.

6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

7. Intenzjonijiet għall-quddies
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.




**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**


BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052